Ħarġa nru. 38 - Mejju 2010

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



## U*BET FA TROPHY

Valletta jegħlbu lil Qormi u jakkwistaw unur ieħor, p36

## Powerboats

Jibda kampjonat ġdid tal-P1, p54



## Tazza tad-Dinja 2010

Fl-Afrika t'Isfel kollox lest għal xahar ta' futbol u spettaklu, p42





# Birkirkara F.C.

## jirbħu l-kampjonat għat-tielet darba fl-istorja

**Inklużi ma' din il-ħarġa ta' SPORTIV Poster ta' Birkirkara F.C. u l-Poloz tat-Tazza tad-Dinja**

THE WESTIN DRAGONARA RESORT MALTA
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MAL-WESTIN DRAGONARA RESORT

• BASKETBALL • ŻWIEMEL • GOZO SPORTS
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAR-REGATTA
• WATERPOLO • RUGBY • STORJA TAL-FUTBOL MALTI



Coca-Cola zero
Coca-Cola zero
AND
Hadd Ghalik
MAKE YOUR IMPOSSIBLE DREAM POSSIBLE
LOG ON NOW ON
WWW.MYIMPOSSIBLEDREAM.INFO
Coca-Cola zero
Terms & Conditions Apply



# Mejju

Ix-xahar ta' Mejju għoddu spiċċa u miegħu jintemmu l-aħħar kompetizzjonijiet tax-xitwa u minn Ġunju nistgħu nibdew inħarsu 'l quddiem lejn dawk tas-sajf u naħdmu għal staġun ieħor. Fid-dixxiplini sportivi l-aktar popolari f'pajjiżna, kollox iddikjarat u lest u l-attenzjoni tad-dilettanti kollha diġà tinsab mitfugħa fuq l-akbar avveniment sportiv fl-qasam tal-futbol ... it-Tazza tad-Dinja.

Fl-Afrika t'Isfel kollox jinsab lest biex fi żmien ftit jiem tibda d-19-il edizzjoni ta' dan l-avveniment, li jżomm lil kulħadd imwaħħal biex isegwi l-proċess mill-bidu sat-tmiem.

Għalkemm il-favoriti dejjem jibqgħu l-istess nazzjonijiet u x'aktarx li jirbaħ tim Ewropew jew mill-Amerika t'Isfel, l-emozzjonijiet li joħloq avveniment bħal dan huma kbar.

It-tbassir ilu li beda dwar min finalment se jgħolli t-trofew tat-Tazza tad-Dinja, iżda kif kulħadd jaf tant iseħħu episodji u tant il-logħba tal-futbol tirriserva sorpriżi, li jien stess ninsab konfuż biex nagħżel dawk iż-żewġ timijiet li fl-opinjoni tiegħi jistgħu jagħmluha sal-final, aħseb u ara kemm nista' nagħmel tbassir fuq it-tim rebbieħ.

Insomma mill-11 ta' Ġunju se jkollna xahar sħiħ ta' xalar, fost l-entużjażmu u l-piki tradizzjonali li din il-logħba dejjem toħloq.

Nawgura li l-aħjar tim jirbaħ u li jirrenja spirtu sportiv.

Björn Vassallo - Editur




Jekk tixtieq Back Issues **B'XEJN** ta' SPORTIV għandek iċċempel fuq 25900263 jew tibgħat email fuq sportivmalta@yahoo.com u tniżżel id-dettalji neċċessarji.



# 7-YEAR WARRANTY ON ALL KIA MODELS

7 YEAR KIA WARRANTY*

Only Kia are confident enough in their build quality to cover all their cars with a 7-Year, bumper to bumper*, manufacturer's warranty. *Terms and conditions apply.

**"I love my KIA, its 7-year warranty is proof of its great build and reliability"**
Ivan Grech - Winter Moods




**EASYSELL-KIA (MALTA) LTD.**
Mdina Road, Qormi - Malta | Tel: 22 692 000
Email: kia@tumas.com | **www.kiamalta.com**

TUMAS GROUP

**SB Autocentre Ltd.** Mgarr Road, Xewkija - Gozo
Tel: 21 556 773 | Email: sbauto@vol.net.mt

www.kia.eu

KIA MOTORS
*The Power to Surprise™*





SPORTIV

Ħarġa nru 38
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

Ippubblikat minn Zen Publishing
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikaturi
Norman Darmanin Demajo
Paul Falzon

Editur
Björn Vassallo
bjorn.vassallo@yahoo.com

Riklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

Cover - Michael Galea - Birkirkara F.C.

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

**4 Ġermanja vs Malta**
Il-Maltin iġarrbu telfa ta' 3-0 f'Aachen

**6 Malta vs Ċipru - U21**
Riżultat pożittiv f'logħba sperimentali

**8 Malta vs Ingilterra - Nisa**
Telfa oħra għan-nisa Maltin mmexxija minn Pierre Brincat

**10 Analiżi...**
Tazza tad-Dinja b'differenza

**12 Kampjonat BOV Premier**
Birkirkara jirbħu t-tielet kampjonat fl-istorja tagħhom

**18 Kampjonati tal-MFA**
Ħarsa lejn id-diviżjonijiet inferjuri tal-MFA

**24 Kunsill Malti għall-iSport**
Ikomplu l-attivitajiet sportivi madwar Malta u Għawdex

**34 L-iStorja tal-Futbol Malti**
Kif qatt ma rajtuha qabel...

**36 F.A. Trophy**
Valletta jegħlbu lil Qormi fil-finali u jagħlqu l-istaġun fuq nota tajba

**39 Poster Valletta F.C.**
Rebbieħa tal-U*BET F.A. TROPHY

**42 Tazza tad-Dinja 2010**
Statistika dwar it-timijiet parteċipanti fl-edizzjoni li ser issir fl-Afrika t'Isfel

**46 Waterpolo**
It-tim nazzjonali Malti jsofri telfiet kbar

**48 Basketball**
Siggiewi Kent Boringer u Hibs Medsea rebbieħa nazzjonali

**50 Rugby**
Jintemm l-istaġun nazzjonali tar-rugby

**53 Poster Kavallieri R.F.C.**
Rebbieħa tal-Kampjonat Cisk Lager tal-Irġiel

**54 Powerboats**
Jibda l-Kampjonat tal-P1

**56 Gozo Sports**
Il-VIVA World Cup f'Għawdex

**58 Żwiemel**
Ħarsa lejn it-tiġrijiet tal-MRC fil-Marsa

**62 Storja tar-Regatta**
Tkompli l-iStorja...

**64 Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

MALTA FUTSAL SCHOOL
OPENING SEPTEMBER 2010 CALL US NOW 79016016
info@maltafutsalschool.com www.maltafutsalschool.com

# Tliet minuti detrimentali għal Malta



Cacau, awtur ta' żewġ goals jiċċelebra wieħed minnhom




It-timijiet waqt id-daqq tal-innijiet nazzjonali

## Ġermanja ..........3
## Malta ................0

Fit-Tivoli Stadium ta' Aachen, Malta sfat megħluba bl-iskor ta' 3-0 mill-Ġermanja, f'partita ta' ħbiberija liema konfront serva bħala parti mill-preparazzjoni tal-Ġermaniżi għall-edizzjoni finali tat-Tazza tad-Dinja li proprju se tibda fi ftit ġranet oħra.

Min-naħa tat-tim immexxi minn John Buttigieg, assistit minn Carmel Busuttil, din il-partita serviet ukoll bħala preparazzjoni għall-preliminari tal-Euro 2012 li se jibdew f'Settembru li ġej.

Fit-tim Ġermaniż kien hemm bosta elementi neqsin minħabba dawk ta' Bayern Munich u Werder Bremen ma ssejħux minħabba li jumejn wara kienu mpenjati fil-final tat-Tazza Ġermaniża. Għaldaqstant il-kowċ, Joachim Loew, introduċa bosta plejers żgħażagħ.

Il-kowċ Malti ħalla bosta plejers stabbilit mill iskwadra iżda sejjaħ bosta plejers lejn l-aħħar tal-kampjonat kienu qed juru l-aħjar forma.

Bejn il-lasti lagħab Justin Haber li kien ukoll l-aħjar plejer Malti b'wirja formidabbli fejn ċaħħad ukoll lill-attakkanti Ġermaniżi milli jagħmlu l-iskor akbar.

Buttigieg utilizza t-tattika ta' 4-5-1 fejn l-attakkant Michael Mifsud, li kien qed jilbes il-faxxa ta' captain għall-ewwel darba, kien iżolat waħdu fl-attakk.

It-tim Malti kien ukoll ikkondizzjonat kmieni fil-partita minħabba li wara biss disa' minuti, Jamie Pace sofra injury bil-konsegwenza li kellu jħalli l-ground.

Mas-suffara inizjali, il-Ġermaniżi mill-ewwel urew l-intenzjonijiet tagħhom u ħarġu fuq l-offensiva biex ifittxu goal kmieni. Huma rnexxielhom jagħmlu dan fil-15-il minuta meta CACAU xeħet bir-ras fir-rokna tax-xibka wara li tħalla żmarkat waħdu fit-tarf tal-kaxxa ż-żgħira.

Fit-28 minuta, il-Maltin resqu viċin meta Andrew Cohen beda azzjoni minn fuq il-lemin bil-ballun jispiċċa għand Roderick Briffa li minn qagħda ideali xxuttja ċentrali.

Lejn tmiem l-ewwel taqsima, l-attakkant Ġermaniż, Stefan Kiessling, ġie mċaħħad tliet darbiet milli jsib ix-xibka Maltija. Fuq in-naħa l-oħra, ix-xutt angolat ta' Andrew Cohen għadda minn fuq il-lasti.

Fil-58 minuta, il-Ġermaniżi rduppjaw meta Lukas Podolski antiċipa l ħarġa tal goalkeeper Malti, Justin Haber, billi xeħet lejn CACAU li bil-kalma kollha ddepożita l-ballun fix-xibka.

Tliet minuti wara, kien imiss lil Kenneth Scicluna li jikkommetti awto-goal fit-tentattiv li jikklerja attakk veloċi Ġermaniż. Fid-69 minuta, Justin Haber ċaħħad lil Cacau milli jgħaqqad il-hat-trick personali biex lejn it-tmiem il-bravu goalkeeper Malti reġa' salva żewġ tentattivi ta' Stefan Kiessling.





Justin Haber ibiegħed il-periklu meta jilħaq qabel Stefan Kiessling u (lemin) partitarju tal-Ġermanja jaqra l-ktejjeb uffiċjali tal-avveniment



Clayton Failla mwaqqaf mis-sostitut Kevin Grosskreutz

## 13 ta' Mejju, 2010, Tivoli Stadium, Aachen - 18.00 hrs

Ġermanja
Martin Neuer, Arne Friedrich (Heiko Westermann 72), Serdar Taski (Mats Hummels 47), Sami Khedira (Stefan Reinartz 72), Stefan Kiessling, Lukas Podolski, Piotr Trochowski, Toni Kroos (Kevin Grosskweutz 57), Cacau, Andreas Beck (Christian Trasch 57), Dennis Aogo (Jerome Boateng 79)

Malta
Justin Haber, Alex Muscat, Shaun Bajada, Massimo Grima (Ivan Woods 75), Andrei Agius, Ryan Fenech (Clayton Failla 66), Roderick Briffa, Michael Mifsud (Daniel Bogdanovic 83), Andrew Cohen, Kenneth Scicluna, Jamie Pace (Trevor Cilia 9)

Referee: Alain Hamer (Lussemburgu)
Skorers: Cacau 15, 58, K. Scicluna 61 o.g. (Ġ)

# Irbaħ ma' TeamSport®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...
F'liema pajjiż ser jilgħab it-tim nazzjonali Malti fl-ewwel logħba ta' kwalifikazzjoni mill-kompetizzjoni Euro 2012?

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Ġunju 2010:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 37 hija:*
**Aachen**
*u r-rebbieħa huma (1) Winceslaw Spiteri - Birżebbuġa (2) Anthea Fenech - Qormi (3) Kevin Fenech - Mosta*




1




2




3

## Partita ta' ħbiberija ta' Taħt il-21 sena

# Il-Maltin fi draw sodisfaċenti

**Malta ....................0**
**Ċipru ....................0**

**B'wirja sodisfaċenti t-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena spiċċa fi draw ta' 0-0 f'partita ta' ħbiberija kontra Ċipru liema partita ntlagħbet, fl-Istadium Nazzjonali, quddiem prattikament ground vojt.**

It-tim Malti, li kellu bosta plejers ġodda, kien l-aħjar matul il-partita kollha u kien saħansitra sfortunat li ma ħariġx rebbieħ hekk kif il-mimduda ċaħħdet lill-midfielder ta' Sliema Wanderers, Mark Scerri.

Il-kowċ, Edwin Camilleri kellu jħalli bosta plejers barra mill-iskwadra u ma nkludiex dawk il-plejers li jilagħbu mal-erba' timijiet li kienu qed jikkompetu fis-semi-finali tal-FA Trophy – Hamrun Spartans, Qormi, Tarxien Rainbows u Valletta.

Matul l-ewwel taqsima, Camilleri utilizza s-sistema ta' 4-4-1-1 iżda wara l-mistrieħ dawwar it-tattika tiegħu bi tliet attakkant hekk kif il-Maltin dehru aktar avventurużi fejn għal ħinijiet twal rebħu l-inizjattiva tal-logħba bl-avversarji jirtiraw lura biex jilqgħu l-pressjoni.

Fil-bidu tal-partita kienu Ċipru li fetħu tajjeb u gawdew ħafna mill-pussess tal-ballun iżda l-ewwel azzjoni denja ta' nota waslet, fis-26 minuta, b'xutt ta' Georgios Tofas, li iżda, sab lill-goalkeeper Malti, Henry Bonello, attent.

Mal-ħin, il-Maltin bdew jimmaturaw, jaqsmu l-logħob mal-avversarji u saħanistra resqu l-aktar viċin meta, fit-43 minuta, il-freekick ta' Mark Scerri għeleb lill-goalkeeper Ċiprijott, Tasos Kissas, u bil-ballun destinat għal ġox-xibka, ħabat mal-mimduda.

Fit-tieni taqsima, il-Maltin komplew fejn ħallew qabel il-mistrieħ u fis-56 minuta, Mark Scerri kellu x-xutt tiegħu mblukkat fil-ħin biex mir-rebound, Karl Pulo, ixxuttja ċentrali f'idejn Tasos Kissas.

Erba' minuti wara, l-istess Pulo appella għal penalty wara li deher jiġi mwaqqa' minn Panayiotis Panayiotou, li iżda, deher kollox normali għar-referee, Clayton Pisani.

Fl-aħħar mumenti tal-partita, il-midfielder ta' Birkirkara, Rowen Muscat, kien għoddu ħasad lill-goalkeeper Ċiprijott b'xutt minn 30 metru bogħod li spiċċa fuq fuq il-lasti.




Terence Vella attakkat minn difensur Ċiprijott

**16.05.2010**
**Stadium Nazzjonali**
**20.00 hrs**

***Malta***: Henry Bonello (92' Steve Sultana), Adrian Borg (90' Jonathan Xerri), Owen Bugeja (68' Andrew Scicluna), Joseph Zerafa, Beppe Muscat, Rowen Muscat, Mark Scerri, Julian Galea (81' Mauro Grioli), Richard Chetcuti (57' Terrence Vella), Sergio Hili (85' Luke Sciberras), Karl Pulo

***Ċipru***: Tasos Kissas, Kyriakos Kyriakou (32' Christos Palates), Panayiotis Panayiotou, Pantelis Pitsillos, Kostas Markou (79' Costantinos Mintikkis), Antonis Katsis (79' Ioannis Hadsivasiliou), Georgios Tofas (46' Andreas Alkiviadou), Antreas Stavrov (64' Giorgios Economides), Antreas Kyprianou, Angelis Charalambous, Marios Antoniades

***Referee***: Clayton Pisani (Malta)



It-tim nazzjonali Malti



It-tim nazzjonali ta' Ċipru

**The Golf** www.volkswagen.com.mt




## Experience a new kind of quality.
## The Golf starting from just €19,900*

We as human beings have a highly efficient sense of sight. That is why the car needs to convince at first sight. The new Golf's dynamic design immediately catches the eye. Equally eye-catching is the price we are offering: €19,900 including 16" Alloy wheels, ABS, Remote central locking, Climate control, Radio CD/Mp3, Electric windows, Electric mirrors, Power steering, 3-Spoke leather steering wheel, Tinted glass and 10 airbags.



R Line Sporty Equipment Packages for the Golf are also available.

Das Auto.

*Vehicle Price €13,455 + Registration Tax & VAT €6,445 = €19,900.

Continental Cars Ltd, Princess Margaret Street, Msida, MSD1330 | Sales: 23476 315/6/7 | Mobile: 9943 3330 | E-Mail: vw@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Showroom, Mġarr Road, Għajnsielem, GSM9016 | Sales: 2155 6942 | Mobile: 99782000 | E-Mail: jcassar@mizzimotors.com.mt

## Futbol tan-Nisa - Preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2011

# Riżultati diffiċli għall-Maltin



**Malta ....................0**
**Ingilterra ...............6**

**F'logħba ferm diffiċli, it-tim nazzjonali Malti tan-Nisa sofra telfa ta' 6-0 kontra l-Ingilterra biex fi Grupp 5 tal-preliminari tat-Tazza tad Dinja 2011, kien qed isofri s sitt telfa tiegħu.**

Bħal ma kien mistenni, it-tim Ingliż mill-ewwel ħareġ fuq l-offensiva bil-għan li jiftaħ l-iskor kmieni fil-logħba biex b'hekk ikun jista' jserraħ rasu mit-tliet punti fl-istess waqt li jiskorja l-akbar ammont ta' goals possibbli.

U huma rnexxielhom jagħmlu dan fis-sitt minuta meta wara azzjoni personali, ix-xutt ta' Ellen White stampa mal-wieqfa fuq il-lemin ta' Sharon Costantino bil-ballun jaħbat ma' ras din tal-aħħar u jispiċċa f'corner.

Mill-istess corner, Rachel Yankey ikkrossjat tajjeb u FAYE WHITE, b'daqqa ta' ras fuq it-tieni lasta, tefgħet il-ballun fix-xibka.

Wara kwarta logħob l-Ingliżi rdoppjaw meta Rachel Yankey żmarkat lil Kelly Smith, li bid-difiża Maltija wieqfa għall-offside, ikkontrollat il-ballun bla tbatija u mill-viċin għelbet lil Costantino.

Fit-28 minuta, ir-riżultat kompla jikber għal 3-0 wara azzjoni korali, il-ballun spiċċa f'saqajn Fara Williams li b'xutt preċiż minn tarf il-kaxxa ma tat l-ebda ċans lil Costantino ssalva bil-ballun jispiċċa fir-rokna tax-xibka.

Fit-tieni taqsima, il-Maltin, bir-riħ jonfoħ minn wara darhom, ippruvaw joħorġu mill-qoxra difensiva tagħhom iżda huma bdew isibuha ferm diffiċli biex iżommu l-pussess tal-ballun.

Fil-55 minuta, Jessica Clarke għamlet l-iskor 4-0 meta Kelly Smith spiċċat waħedha quddiem Costantino, u wara li qabżet lin-numru wieħed Maltija, hija kkrossjat fil-baxx lejn il-midfielder Ingliża li b'lasta vojta ma fallitx.

Fis-66 minuta, l-Ingilterra kabbru l-vantaġġ tagħhom għal 5-0 meta Ellen White rċeviet ballun fi tliet kwarti ta' grawnd, u wara li għaddiet minn bejn erba' difensuri Maltin, b'xutt fil-baxx tefgħet il-ballun fix-xibka.

Fit-82 minuta, l-Ingliżi għamluhom sitta meta l-Maltin naqsu li jikklerjaw l-cross minn fuq il-lemin tas-sostituta Donia Susi biex il-ballun spiċċa f'saqajn Fara Williams li mill-viċin skorjat it-tieni goal personali tagħha.

Sat-tmiem l-Ingliżi komplew jagħfsu biex ikabbru l-vantaġġ tagħhom u fil-85 minuta huma sabu x-xibka permezz tas-sostituta Natasha Dowie, iżda r-referee Norveġiża Marte Soro ma kkonvalidatx dan il-goal wara foul tal-istess Dowie fuq Costantino biex sas-suffara finali l-iskor baqa' dak ta' 6-0.

*MALTA:* Sharon Costantino, Rebecca Chircop, Rebecca D'Agostino, Natasha Pace, Dorianne Theuma, Chantal Fenech (Kathleen Saliba 92), Ylenia Carabott, Racheal Cuschieri, Corissa Vella White (Mandy Debono 63), Kimberly Parnis, Gabriella Zahra (Emma Xuereb 71)

*INGILTERRA:* Rachel Brown, Alex Scott (Dunia Susi 46), Claire Rafferty, Katie Chaoman, Faye White (Natasha Dowie 74), Casey Stoney, Jessica Clarke, Fara Williams, Ellen White, Kelly Smith, Rachel Yankey (Karen Karney 64)

***Referee:*** Marte Soro (Norveġja)

***Ass. Referees:*** Kim Andre Johnsen, Signe Land (Norveġja)

***Raba' Uffiċjal:*** Esther Azzopardi (Malta)

***Skorers:*** F. White 6, K. Smith 15, F. Williams 28, 82, J. Clarke 52, E. White 66 (I)



**KLASSIFIKA - GRUPP 5**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 6 | 5 | 0 | 1 | 26 | 2 | 15 |
| Ingilterra | 5 | 5 | 0 | 0 | 21 | 0 | 15 |
| Turkija | 5 | 2 | 0 | 3 | 8 | 14 | 6 |
| Awstrija | 4 | 1 | 0 | 3 | 2 | 6 | 3 |
| Malta | 6 | 0 | 0 | 6 | 1 | 36 | 0 |




PROUD SPONSORS OF MALTA NATIONAL FOOTBALL TEAM

Dun Karm Psaila Street, Iklin
t. +356 2142 1383

TeamSporT®

NIKE adidas Reebok lotto DIADORA macron Sixtus uhlsport asics UMBRO

TeamSporT®

This offer ends on 30-6-2010

**10% OFF on all sports wear on presentation of this advert (but not during sale periods)**

# Tazza tad-Dinja b'differenza...



Fi ftit jiem oħra jingħata bidu għall-akbar avveniment kalċistiku li jeżisti fid-dinja, fejn f'kull kontinent kulħadd jieqaf biex isegwi dak li jkun qiegħed iseħħ fil-pajjiż organizzattiv... u din id-darba mhux ser tkun eċċezzjoni, l-għajnejn minn kull kantuniera tal-globu ser ikunu iffokati lejn l-Afrika. Fl-Afrika t'Isfel kollox jinsab lest u ppreparat biex għal xahar sħiħ mill-11 ta' Ġunju l-quddiem, 32 tim jisfidaw lil xulxin għall-aktar unur prestiġġjuż fl-isfera tal-futbol mondjali. Għalkemm għal ġimgħat sħaħ ilna nisimgħu ħafna għajdut dwar liema nazzjon jista' finalment joħroġ rebbieħ, s'issa nistgħu nikkonfermaw biss li skond l-iskwadri magħżula u jekk noqgħodu fuq dak li esperjenzajna fil-passat, ser ikunu bosta t-timijiet li għandhom il-kredenzjali neċċessarji u li b'hekk jistgħu jitqiesu bħala favoriti biex jgħollu t-trofew lejn is-sema dak inhar tal-finali li ser issir f'Johannesburg fil-11 ta' Lulju. Iżda l-istorja kemm il-darba għallmitna li mhux bilfors li l-favoriti jaslu sal-aħħar, anzi f'diversi okazzjonijiet kienu t-timijiet inqas ikkwotati li mingħajr wisq daqq tat-trombi waslu biex ittrijonfaw. Kulħadd jiftakar kemm wara l-ewwel fażi ma kienux daqstant ikkwotati t-Taljani fl-1982 u kemm ħadd ma basar li kienu ser ikunu l-Ġermaniżi li jidħku l-aħħar fl-1990. Fit-Tazza tad-Dinja mhux biss kemm ikollok skwadra b'saħħita, iżda hemm diversi fatturi essenzjali oħra li mhux bilfors huma direttament assoċjati mad-90 minuta tal-logħba, iżda li fl-aħħar ikunu dejjem ingredjenti mportanti fis-suċċess. L-aspett psiko-fiżiku huwa wieħed minn dawn il-fatturi, is-saħħa u l-unjoni tal-grupp ukoll, il-motivazzjoni u d-determinazzjoni, il-kowċ, it-temperaturi tal-pajjiż organizzattiv u elf ħaġa oħra li tul xahar sħiħ jistgħu jaffetwaw il-prestazzjoni tat-tim kemm fil-pożittiv u kif ukoll fin-negattiv.

MISTO
cafe • restaurant • venue

minn Björn Vassallo




Iżda minbarra dan kollu u minbarra l-aspettazzjonijiet kollha li nistennew minn avveniment ġgantesk bħal dan, din l-edizzjoni għandha tkun waħda speċjali għal diversi ċirkostanzi. Primarjament u wara li l-kontinent Afrikan kien ilu imwiegħed li ser ikun magħżul biex jorganizza fażi finali tat-Tazza tad-Dinja, dan il-mument mistenni fl-aħħar wasal. Aktar minn hekk din l-edizzjoni ser tkun differenti għaliex ser issir f'pajjiż fejn sa ftit snin ilu ħadd ma kien joħlom li setgħa jingħaqad biex jorganizza u jospita xi ħaġa ta' din ix-xorta. Kulħadd jiftakar kemm l-Apartheid kienet kankru kbir f'dan il-pajjiż, kemm id-demokrazija kienet mhedda u kemm ir-raziżżmu kien joħnoq l-ugwaljanza minħabba l-kulur tal-ġilda. Kien żmien tal-mistħija, fejn is-segregazzjoni razzjali kienet aċċettata, kienet legali. Il-lum dawk il-gruppi razzjali magħżula spiċċaw kollha u mir-repressjoni u l-vjolenza, matul dan ix-xahar ta' futbol fl-Afrika t'Isfel ser ngħaddu biex dan il-pajjiż jiftaħ il-bibien tiegħu għal ħafna kulturi u razzez differenti. Din l-edizzjoni fl-Afrika t'Isfel ser tibqa' mfakkra mhux biss għall-futbol spettakolari li ser naraw, iżda wkoll għar-riformi kbar li saru f'dan il-pajjiż massiv. Għaldaqstant wara sittax-il sena minn mindu spiċċat l-Apartheid u wara li taħt Nelson Mandela saret rikonċiljazzjoni sħiħa, dan il-pajjiż ser jirnexxielu jgħaqqad il-popli tad-dinja permezz tal-logħba tal-futbol. Biex finalment ser iseħħ dak li qal l-istess Nelson Mandela wara r-rebħa elettorali tal-1994, il-ħolma li kellu n-nazzjon kollu dak iż-żmien, il-ħolma li saret realta'... "In our dreams we have a vision of all our country at play in our sports fields and enjoying deserved and enriching recreation." J'Alla dan l-avveniment iservi biex ifakkarna fil-passat u biex ikompli jitfa' dawl dwar l-esperjenza ta' dan il-pajjiż, dejjem biex fil-futur id-dinja tkun nadifa minn inġustizzji umanitarji bħal dik tal-Apartheid.

# SPORTIV sar aktar popolari!

Ftit linji biex niddiskrivi l-ferħ tiegħi meta ftit tal-ġimgħat ilu l-President tal-Malta Football Association, Dr.Joe Mifsud, tkellem waqt konferenza tal-aħbarijiet u f'kuntest partikolari semma propju dan il-magażin u storja li kienet dehret fil-passat dwar il-falliment tal-kumpanija ISL u dwar dak li l-maġistrati Svizzeri flimkien mal-pulizija kienu qiegħdin jinvestigaw. Kont persważ u ninsab kuntent li din il-publikazzjoni tinqara minn bosta f'dan il-pajjiż, iżda s-sodisfazzjon kiber meta sirt naf li stejjer minn dan il-magażin jinqraw saħansitra f'pajjiżi l-bogħod minn hawn u fejn il-qarreja ma jifhmux bil-lingwa tagħna, il-Malti. Fortunatament għal dawk li ma laħqux kopji ta' Sportiv dak iż-żmien meta kienet ippubblikata din l-istorja (f'erba' partijiet u aktar minn sena ilu) u li jixtiequ jaqraw dwar il-fatti marbuta ma' din l-istorja tant popolari jew għal dawk li qiegħdin jiġġieldu l-battalja tat-trasparenza fl-isport, nissuġġerilhom li jidħlu fis-sit eletroniku www.transparencyinsport.org u hemm għandhom isibu stejjer li f'pajjiżna bil-kemm smajna bihom, iżda li huma ferm kredibbli.


minn Björn Vassallo

FIFA

Tixħim

Tkompli... it-tieni parti

FIFA
For the Good of the Game

L-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2008 Uffiċjali tal-ISL jikkonfermaw korruzzjoni

Watch LIVE Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt

# Birkirkara F.C.
## jirbħu t-tielet kampjonat fl-i





Alan Tabone, Sylvano Comvalius u Paul Fenech jifirħu flimkien għas-suċċess miksub


Jorge Mora u Omar Borg, iż-żewġ goalkeepers ta' Birkirkara


Paul Zammit u Joe Abela jippożaw bit-trofew tal-kampjonat




# storja tal-klabb


L-ewwel ċelebrazzjonijiet bit-trofew




Uhud mill-membri fil-kumitat Karkariż flimkien mal-istaff tekniku

## Il-Logħbiet ta' Birkirkara - Staġun 2009-10

### L-Ewwel Fażi

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. | 21.08.09 | v | Valletta | 1-3 |
| 02. | 30.08.09 | v | Tarxien R. | 2-0 |
| 03. | 26.09.09 | v | Hamrun S. | 2-1 |
| 04. | 02.10.09 | v | Dingli S. | 3-1 |
| 05. | 18.10.09 | v | Hibernians | 2-2 |
| 06. | 24.10.09 | v | Floriana | 0-1 |
| 07. | 23.11.09 | v | Sliema W. | 3-0 |
| 08. | 29.11.09 | v | Msida SJ | 4-1 |
| 09. | 12.12.09 | v | Qormi | 5-2 |
| 10. | 19.12.09 | v | Valletta | 1-1 |
| 11. | 27.12.09 | v | Tarxien R. | 5-1 |
| 12. | 03.01.10 | v | Hamrun S. | 2-0 |
| 13. | 09.01.10 | v | Dingli S. | 2-0 |
| 14. | 18.01.10 | v | Hibernians | 2-2 |
| 15. | 25.01.10 | v | Floriana | 2-1 |
| 16. | 30.01.10 | v | Sliema W. | 0-1 |
| 17. | 07.02.10 | v | Msida SJ | 2-1 |
| 18. | 13.02.10 | v | Qormi | 2-0 |

### Championship Pool

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 19. | 26.02.10 | v | Sliema W. | 2-1 |
| 20. | 06.03.10 | v | Qormi | 2-0 |
| 21. | 13.03.10 | v | Hibernians | 2-1 |
| 22. | 20.03.10 | v | Tarxien R. | 3-3 |
| 23. | 28.03.10 | v | Valletta | 1-0 |
| 24. | 09.04.10 | v | Sliema W. | 3-0 |
| 25. | 15.04.10 | v | Qormi | 3-1 |
| 26. | 25.04.10 | v | Hibernians | 5-4 |
| 27. | 30.04.10 | v | Tarxien R. | 1-0 |
| 28. | 05.05.10 | v | Valletta | 2-4 |

## Ir-rekord tal-plejers ta' Birkirkara

| Plejer | Partita | Minuti | Goals | R | D | T | L | S | B | S |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Borg Omar | 3 | 215 | -4 | 1 | 1 | 1 | 4 | 2 | 0 | 1 |
| Mora Jorge | 26 | 2305 | -28 | 19 | 3 | 4 | 60 | 25 | 1 | 0 |
| Hartvig Ronni | 2 | 180 | 0 | 1 | 0 | 1 | 3 | 2 | 0 | 0 |
| Mamo Carlo | 11 | 945 | 0 | 9 | 1 | 1 | 28 | 10 | 1 | 0 |
| Nisevic Branko | 25 | 2233 | 1 | 18 | 4 | 3 | 58 | 24 | 1 | 0 |
| Paris Thomas | 20 | 1136 | 0 | 14 | 4 | 2 | 46 | 9 | 2 | 8 |
| Scicluna Andrew | 8 | 345 | 0 | 5 | 1 | 2 | 16 | 3 | 1 | 4 |
| Vukanac Nikola | 25 | 2233 | 2 | 18 | 4 | 3 | 58 | 23 | 2 | 0 |
| Zerafa Joseph | 23 | 1326 | 0 | 18 | 2 | 3 | 56 | 10 | 2 | 10 |
| Bajada Shaun | 27 | 2232 | 7 | 19 | 4 | 4 | 61 | 14 | 12 | 1 |
| Camilleri Michael | 2 | 10 | 0 | 2 | 0 | 0 | 6 | 0 | 0 | 2 |
| Cilia Trevor | 27 | 2299 | 13 | 20 | 3 | 4 | 63 | 18 | 8 | 1 |
| Fenech Paul | 26 | 2248 | 1 | 19 | 3 | 4 | 60 | 24 | 2 | 0 |
| Galea Andreas | 1 | 4 | 0 | 1 | 0 | 0 | 3 | 0 | 0 | 1 |
| Mallia George | 17 | 988 | 4 | 11 | 3 | 3 | 36 | 5 | 7 | 5 |
| Muscat Rowen | 21 | 1668 | 0 | 16 | 3 | 2 | 51 | 16 | 2 | 3 |
| Pulo Carl | 19 | 550 | 5 | 11 | 4 | 4 | 37 | 1 | 4 | 14 |
| Tabone Alan | 25 | 858 | 0 | 19 | 3 | 3 | 60 | 2 | 5 | 18 |
| Buhagiar Angus | 21 | 1408 | 1 | 14 | 4 | 3 | 46 | 10 | 5 | 6 |
| Comvalius Sylvano | 28 | 2112 | 15 | 20 | 4 | 4 | 64 | 10 | 15 | 3 |
| Galea Michael | 28 | 2389 | 14 | 20 | 4 | 4 | 64 | 19 | 9 | 0 |
| Scicluna Ryan | 2 | 12 | 0 | 2 | 0 | 0 | 6 | 0 | 0 | 2 |

PREMIER

**Logħba Nru 122 – 23.04.2010 - 20.00 hrs**

**Valletta** 2
M. Mifsud 45, N. Priso 66
**Sliema Wanderers** 0
HT 1-0 National Stadium

**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Bezzina, Steve Borg, Luke Dimech, Roderick Briffa, Gilbert Agius (Edmond Agius 86), Jamie Pace, Njongo Priso (Dyson Falzon 89), Michael Mifsud, Terence Scerri (Kevin Sammut 62), Kenneth Scicluna
*Kowċ* – Ton Caanen
**Sliema W.** – Simon Agius, Ian Azzopardi, Josef Mifsud, Noel Turner (Ray Attard 81), Jean Pierre Mifsud Triganza (Amadeo Mercieca 74), Clifford Gatt Baldacchino (Ian Ciantar 85), Ivan Woods, Lucian Dronca, Julio Cesar Alcorse, Pedro Dos Santos Calcado, John Mintoff
*Kowċ* – Mark Marlow
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Alan Camilleri, Joe Camilleri
**Raba' Uff.** – Adrian Azzopardi
**Ammoniti** – L. Dimech (V); P. Dos Santos Calcado, J. Alcorse, J. Mifsud, C. Gatt Baldacchino, J. Mintoff (SW)
**Tkeċċa** – L. Dimech 45 (V)

PREMIER

**Logħba Nru 123 – 24.04.2010 - 15.00 hrs**

**Floriana** 4
B. Said 53, C. Caruana 61, R. Darmanin 67, 83
**Dingli Swallows** 2
D. Zarb 14, J. Okonkwo 35
HT 0-2 National Stadium

**Floriana** – Jurgen Micallef, Owen Bugeja (Stefano Grima 46), Brian Said, Orosco Anonam, Sacha Borg, Pablo Doffo, Stefan Lijeskic (Michael Ghebru 54), Joseph Borg, Mark Spiteri (Clifton Ciantar 46), Ryan Darmanin, Christian Caruana
*Kowċ* – Zoran Popovic
**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Roderick Briffa, Shawn Tellus, Roderick Spiteri, Kurt Formosa (Haruna Doda 84), Victor Fiteni, Etienne Farrugia (Dino Cachia 64), Kevin Borg (Charlon Sammut 76), Matthew Borg, Joseph Okonkwo, Dylan Zarb
*Kowċ* – Jesmond Zammit
**Referee** – Paul Caruana
**Assistenti** – Mariano Debono, William Debattista
**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi
**Ammonit** – J. Borg (F)

PREMIER

**Logħba Nru 124 – 24.04.2010 - 17.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 3
D. Rocha Dos Santos 62, 90, A. Decesare 70
**Qormi** 2
M. Grima 3, A. Effiong 64
HT 0-1 National Stadium

**Tarxien R.** – David Cassar, Steven Sadowski, Manuel Caruana (Ryan Grech 52), David Camilleri, Gianluca Calabretta, Everton Antonio Pereira, Andrew Decesare (Mark Tanti 71), Denni Rocha Dos Santos, Ryan Mintoff (Lee Galea 21), Kurt Magro, Justin Grioli
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Qormi** – Matthew Farrugia, Duncan Pisani, Ramon Dos Santos, Massimo Grima, Matthew Bartolo (Ryan Deguara 69), Keith Fenech (Stephen Meilak 76), Alfred Effiong, Joseph Farrugia (Stefan Giglio 81), Camillo Da Silva Sanvezzo, Jonathan Bondin, Stephen Wellman
*Kowċ* – Jesmond Zerafa
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Malcolm Mercieca
**Raba' Uff.** – Andre Arciola
**Ammoniti** – S. Sadowski, M. Caruana, E. A. Pereira (T), J. Bondin, S. Wellman, S. Giglio (Q)

PREMIER

**Logħba Nru 125 – 25.04.2010 - 15.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 2
M. Mifsud 45, I. Zammit 65
**Msida St. Joseph** 2
T. Farrugia 80 pen, 88 pen
HT 1-0 National Stadium

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Karl Magro, Roderick Fenech (Timothy Fleri Soler 83), Mead Mifsud (Daniel Zerafa 73), Mark Barbara (Mauro Busuttil 61), Neville Galea, Lee James Agius, Marcelo Pereira, Martin Hrubsa, Obinna Polycarp Obiefule, Ian Zammit
*Kowċ* – Steve D'Amato
**Msida SJ** – Manuel Bartolo, Lydon Micallef, Matthew Borda, Tyrone Farrugia, Lareon Agius, Zoran Levnaic, Joseph D'Amato (Matthew Mulholland 66), Adam Spiteri (Phiram Sakchal 66), Baldassare Borg, Andrew Formosa (Iro Curmi 51), Miguel Ciantar
*Kowċ* – Keith Gouder
**Referee** – Andre Arciola
**Assistenti** – Edward Spiteri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – M. Bartolo, L. Micallef (MSJ); M. Mifsud, R. Fenech, N. Galea (HS)
**Tkeċċa** – M. Bartolo 65 (MSJ)



Luke Dimech (Valletta) li spiċċa f'kontroversja sħiħa wara tmiem l-ewwel taqsima, fi dwell ma' Pedro Calcado (Sliema W.)





Gianluca Calabretta (Tarxien) jipprova jaqbeż lil Duncan Pisani (Qormi)



stephengatt.com
FREELANCE SPORTS PHOTOGRAPHER

PREMIER

**Logħba Nru 126 – 25.04.2010 - 17.00 hrs**

**Hibernians** 4
J. P. Farrugia 14, T. Caruana 21, 34, E. Herrera 2

**Birkirkara** 5
M. Galea 10, 52, S. Comvalius 42, S. Bajada 46, T. Cilia 64

HT 2-4 **National Stadium**

**Hlbs** – Mario Muscat, Edward Herrera, Yan Cauchi, Aaron Xuereb (Elton Morelato 55), Jonathan Pearson, Jonathan Caruana, Chris Camilleri, Triston Caruana, Andrew Cohen (Christian Callejas 55), Jean Paul Farrugia (Rene Duca 62), Ben Camilleri
*Kowċ* – Mark Miller
**Team B** – Jorge Mora, Paul Fenech, Nikola Vukanac, Branko Nisevic, Shaun Bajada (Alan Tabone 72), Angus Buhagiar, Trevor Cilia, Rowen Muscat, Carlo Mamo (Joseph Zerafa 45), Michael Galea, Sylvano Comvalius (Karl Pulo 81)
*Kowċ* – Paul Zammit
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Philip Agius, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Kevin Azzopardi
**Ammoniti** – Y. Cauchi (H)

PREMIER

**Logħba Nru 127 – 29.04.2010 - 19.30 hrs**

**Qormi** 1
M. Grima 83

**Valletta** 2
S. Bezzina 23, M. Mifsud 43

HT 0-2 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Jonathan Bondin, Lucas Ramon Dos Santos, Stephen Wellman, Duncan Pisani (Roderick Sammut 83), Massimo Grima, Keith Fenech, Ryan Deguara (Kenneth Spiteri 83), Matthew Bartolo, Joseph Farrugia (Steve Meilak 61), Alfred Effiong
*Kowċ* – Vincent Carbonaro
**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Bezzina, Steve Borg, Kenneth Scicluna, Roderick Briffa, Gilbert Agius, Edmond Agius, Dyson Falzon (Declan O'Brien 74), Njongo Priso (Cleavon Frendo 84), Kevin Sammut (Dylan Grima 80), Michael Mifsud
*Kowċ* – Ton Caanen
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Mariano Debono, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Andrea Arciola
**Ammoniti** – R. Deguara, A. Effiong, M. Grima (Q); R. Briffa (V)

PREMIER

**Logħba Nru 128 – 30.04.2010 - 18.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 3
L. Dronca 62 pen, I. Woods 69, C. Failla 90

**Hibernians** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Sliema W.** – Simon Agius, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Josef Mifsud (Clifford Gatt Baldacchino 76), Ryan Fenech (Luca Martinelli 88), Mark Scerri, Ivan Woods, Lucian Dronca, Julio Cesar Alcorse, John Mintoff (Amadeo Mercieca 82), Clatyon Failla
*Kowċ* – Mark Marlow
**Hibernians** – Daniel Balzan, Rene Duca (Keith Tanti 89), Aaron Xuereb, Jonathan Caruana, Adrian Pulis, Chrstian Callejas (Dylan Sammut 65), Andrew Cohen, Triston Caruana (Ayrton Azzopardi 78), Chris Camilleri, Ben Camilleri, Elton Morelato
*Kowċ* – Mark Miller
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Joe Camilleri
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – D. Balzan, A. Xuereb (H)

PREMIER

**Logħba Nru 129 – 30.04.2010 - 20.00 hrs**

**Birkirkara** 1
S. Bajada 39

**Tarxien Rainbows** 0

HT 1-0 **National Stadium**

**Birkirkara** – Jorge Mora, Trevor Cilia (Thomas Paris 90), Branko Nisevic, Nikola Vukanac, Paul Fenech, Rowen Muscat, Shaun Bajada (George Mallia 86), Angus Buhagiar, Joseph Zerafa, Michael Galea, Sylvano Comvalius (Alan Tabone 74)
*Kowċ* – Paul Zammit
**Tarxien R.** – Anthony Curmi, David Camilleri, Gianluca Calabrotta (Warren Zerafa 71), Mark Tanti, Andrew Decesare, Denni Rocha Dos Santos, Ryan Mintoff, Ryan Grech (Clive Fenech 84), Lee Galea, Kurt Magro (James Shield 46), Justin Grioli
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Philip Agius, Alan Camilleri
**Raba' Uff.** – Adrian Azzopardi
**Ammoniti** – P. Fenech (B), R. Grech, A. Decesare, M. Tanti (TR)



Nikola Vukanac (Birkirkara) jiddefendi l-ballun mill-attakk ta' Jean Paul Farrugia (Hibernians)

PREMIER

**Logħba Nru 130 – 04.05.2010 - 18.00 hrs**

**Hibernians** 0

**Tarxien Rainbows** 1
R. Grech 85

HT 0-0 **National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Jonathan Caruana, Edward Herrera, Adrian Pulis (Ayrton Azzopardi 87), Aaron Xuereb, Christian Callejas, Andrew Cohen, Chris Camilleri (Dylan Sammut 76), Triston Caruana, Matthew Tabone (Keith Tanti 67), Ben Camilleri
*Kowċ* – Mark Miller
**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Steven Sadowski, Manuel Caruana, David Camilleri, Gianluca Calabretta (James Shead 88), Everton Antonio Pereira, Mark Tanti (Lee Galea 63), Denni Rocha Dos Santos (Warren Zerafa 89), Ryan Mintoff, Ryan Grech, Justin Grioli
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Referee** – Paul Caruana
**Assistenti** – Alan Camilleri, Gordon Barbara
**Raba' Uff.** – Glenn Tonna
**Ammoniti** – A. Pulis, B. Camilleri, J. Caruana, A. Cohen, C. Camilleri, A. Xuereb (H); L. Galea (TR)

PREMIER

**Logħba Nru 131 – 04.05.2010 - 20.00 hrs**

**Qormi** 3
C. Da Silva Sanvezzo 59 pen, J. Farrugia 79, S. Giglio 87

**Sliema Wanderers** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Duncan Pisani, Ramon Dos Santos, Massimo Grima, Matthew Bartolo (Stefan Giglio 68), Keith Fenech (Kenneth Spiteri 82), Alfred Effiong, Joseph Farrugia, Camillo Da Silva Sanvezzo, Stephen Wellman, Roderick Sammut (Ryan Deguara 90)
*Kowċ* – Vincent Carbonaro
**Sliema W.** – Simon Agius, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Josef Mifsud, Ryan Fenech, Mark Scerri, Ivan Woods, Lucian Dronca, Julio Alcorse, (Jean Pierre Mifsud Triganza 66), John Mintoff, Clayton Failla (Pedro Dos Santos Calcado 82)
*Kowċ* – Mark Marlow
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – S. Wellman (Q), M. Scerri, S. Agius, C. Failla, J. Mifsud, I. Woods, A. Muscat (SW)

PREMIER

**Logħba Nru 132 – 05.05.2010 - 19.30 hrs**

**Valletta** 4
T. Scerri 27, 49, 65, E. Agius 43

**Birkirkara** 2
M. Galea 47, S. Comvalius 57

HT 2-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Borg, Steve Bezzina, Gilbert Agius, Kenneth Scicluna, Edmond Agius, Dyson Falzon (Kevin Sammut 74), Njongo Priso, Jamie Pace (Dylan Grima 86), Michael Mifsud, Terence Scerri (Cleavon Frendo 83)
*Kowċ* – Ton Caanen
**Birkirkara** – Jorge Mora (Omar Borg 55), Trevor Cilia, Branko Nisevic, Nikola Vukanac, Joseph Zerafa, Rowen Muscat, Paul Fenech, Shaun Bajada (Karl Pulo 73), Angus Buhagiar, Michael Galea, Sylvano Comvalius (George Mallia 82)
*Kowċ* – Paul Zammit
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Philip Agius, Joe Camilleri
**Raba' Uff.** – Chris Lautier
**Ammoniti** – E. Agius, S. Bezzina (V); P. Fenech, A. Buhagiar, R. Muscat (B)



Massimo Grima, l-awtur tal-goal għal Qormi fil-konfront kontra Valletta



Christian Caruana (Floriana) jikkonkludi lejn il-lasta ta' Dingli

maltafootball.com




**BOV Financial Planning**

## ikseb is-serħan tal-moħħ għalik u għal uliedek

Li toħloq bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja kif ukoll tieħu deċiżjonijiet li jħallu impatt fuq il-futur ta' uliedek, huma sfidi kbar. Aħna nafu kemm hu prezzjuż il-ħin tiegħek, u għalhekk nimpenjaw ruħna biex nagħtuk parir finanzjarju professjonali u soluzzjonijiet li jgħinuk takkwista fiduċja fil-futur tiegħek u dak ta' uliedek.

**Kellimna issa għall-parir finanzjarju professjonali b'xejn - 2131 2020**

www.bov.com

Il-Bank of Valletta p.l.c. huwa liċenzjat sabiex jipprovdi servizzi ta' investiment mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji.

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 26076

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

# Statistika

**Goals 433 – Skorers 110**

24 - Camillo Da Silva Sanvezzo (Qormi)
20 - Terence Scerri (Valletta)
17 - Ryan Darmanin (Floriana)
15 - Sylvano Comvalius (Birkirkara); Marcelo Pereira (Hamrun S.); Denni Rocha Dos Santos (Tarxien R.)
14 - Michael Galea (Birkikara)
13 - Trevor Cilia (Birkirkara); Joseph Okonkwo (Dingli S.); Jean Pierre Mifsud Triganza (Sliema W.)
12 - Alfred Effiong (Qormi)
11 - Mendes Anderson Ribeiro (Tarxien R.)
10 - Jordi Cruyff (Valletta)
8 - Ivan Woods (Sliema W.); Njongo Priso (Valletta)
7 - Shaun Bajada (Birkirkara); Tyrone Farrugia (Msida SJ); Gilbert Agius, Michael Mifsud (Valletta)
6 - Gaetan Spiteri (Hibernians); Massimo Grima (Qormi); Andrew Cohen (Hibernians); Declan O'Brien (Valletta)
5 - Karl Pulo (Birkirkara); Roderick Fenech (Hamrun S.), Ian Zammit (Hamrun S. 3 + Valletta 2); Lucian Dronca (Sliema W.)
4 - George Mallia (Birkirkara); Christian Caruana (Floriana); Joao Batista Mawete (Hamrun S.); Jonathan Caruana, Olegs Malasenoks (Hibernians); Matthew Bartolo (Qormi 2 + Sliema W. 2); Gianluca Calabretta (Tarxien R.); Jamie Pace (Valletta)
3 - Dylan Zarb (Dingli S.); Clifton Ciantar, Akanni Sunday Wasiu (Floriana); Etienne Barbara, Christian Callejas, Edward Herrera, Adrian Pulis, Rumen Galabov (Hibernians); Kalenga Ndayi, Emiliano Lattes (Msida SJ); Julio Alcorse (Sliema W.); Andrew Decesare (Tarxien R.); Kevin Sammut (Valletta)
2 - Nicolai Vukanac (Birkirkara); Andre Rocha Da Silva (Dingli S.); Orosco Anonam (Floriana); Mano Micallef, Mead Mifsud, Obinne Obifuele (Hamrun S.); Ben Camilleri, Triston Caruana, Miguel Lopes De Pina (Hibernians); Miguel Ciantar, Andrew Formosa, Adam Spiteri (Msida SJ); Ryan Deguara, Joseph Farrugia, Stefan Giglio (Qormi); Clayton Failla, Ryan Fenech (Sliema W.); Mark Tanti (Tarxien R.);
1 - Angus Buhagiar, Paul Fenech, Branko Nisevic (Birkirkara); Kevin Borg, Dino Cachia, Roderick Spiteri (Dingli S.); Marlon Briffa, Pablo Doffo, Michael Ghebru, Brian Said, Donovan Simmonds, Victor Zlydarev (Floriana); Diego A. Cucciardi (Hamrun S.); Elkien Cauchi, Jean Paul Farrugia (Hibernians); Olushola Aganun, Manuel Bartolo, Iro Curmi, Zoran Levnaic, Cedric Sciberras (Msida St. Joseph); Joseph Chetcuti, Stephen Wellman (Qormi); Ian Azzopardi, Pedro Dos Santos Calcado, Henry Isaac, John Mintoff (Sliema W.), David Camilleri, Ryan Grech, Everton Antonio Pereira, James Shead (Tarxien R.); Edmond Agius, Steve Bezzina, Roderick Briffa, Geert Den Ouden (Valletta).

Auto-Goals - Alan Tabone (Birkirkara); Renato Conceicao (Dingli S.); Mark Anthony Bonnici, Roderick Fenech (Hamrun S.); Edward Herrera (Hibernians); Tyrone Farrugia (Msida St. Joseph); Stephen Wellman (Qormi); Clifford Gatt Baldacchino (Sliema W.); Kurt Magro (Tarxien R.); Luke Dimech, Andrew Hogg (Valletta)

# Goals li ġew skurjati

| No. | Data | Plejer | Tim | | Avversarju | Rd | Ħin | Riżultat | Stadium |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 391 | 23.04.10 | MICHAEL MIFSUD | VALLETTA | v | Sliema W. | CP | 45 min | 1-0 | National Stadium |
| 392 | 23.04.10 | NJONGO DODING PRISO | VALLETTA | v | Sliema W. | CP | 66 min | 2-0 | National Stadium |
| 393 | 24.04.10 | DYLAN ZARB | DINGLI S. | v | Floriana | RP | 14 min | 1-0 | National Stadium |
| 394 | 24.04.10 | JOSEPH OKONKWO | DINGLI S. | v | Floriana | RP | 35 min | 2-0 | National Stadium |
| 395 | 24.04.10 | BRIAN SAID | FLORIANA | v | Dingli S. | RP | 53 min | 1-2 | National Stadium |
| 396 | 24.04.10 | CHRSTIAN CARUANA | FLORIANA | v | Dingli S. | RP | 61 min | 2-2 | National Stadium |
| 397 | 24.04.10 | RYAN DARMANIN | FLORIANA | v | Dingli S. | RP | 68 min | 3-2 | National Stadium |
| 398 | 24.04.10 | RYAN DARMANIN | FLORIANA | v | Dingli S. | RP | 83 min | 4-2 | National Stadium |
| 399 | 24.04.10 | MASSIMO GRIMA | QORMI | v | Tarxien R. | CP | 2 min | 1-0 | National Stadium |
| 400 | 24.04.10 | DENNI ROCHA DOS SANTOS | TARXIEN R. | v | Qormi | CP | 62 min | 1-1 | National Stadium |
| 401 | 24.04.10 | ALFRED EFFIONG | QORMI | v | Tarxien R. | CP | 64 min | 2-1 | National Stadium |
| 402 | 24.04.10 | ANDREW DECESARE | TARXIEN R. | v | Qormi | CP | 70 min | 2-2 | National Stadium |
| 403 | 24.04.10 | DENNI ROCHA DOS SANTOS | TARXIEN R. | v | Qormi | CP | 90 min | 3-2 | National Stadium |
| 404 | 25.04.10 | MEAD MIFSUD | HAMRUN S. | v | Msida SJ | RP | 45 min | 1-0 | National Stadium |
| 405 | 25.04.10 | IAN ZAMMIT | HAMRUN S. | v | Msida SJ | RP | 65 min | 2-0 | National Stadium |
| 406 | 25.04.10 | TYRONE FARRUGIA | MSIDA SJ | v | Hamrun S. | RP | 80 pen | 1-2 | National Stadium |
| 407 | 25.04.10 | TYRONE FARRUGIA | MSIDA SJ | v | Hamrun S. | RP | 88 pen | 2-2 | National Stadium |
| 408 | 25.04.10 | MICHAEL GALEA | BIRKIRKARA | v | Hibernians | CP | 10 min | 1-0 | National Stadium |
| 409 | 25.04.10 | JEAN PAUL FARRUGIA | HIBERNIANS | v | Birkirkara | CP | 14 min | 1-1 | National Stadium |
| 410 | 25.04.10 | TRISTON CARUANA | HIBERNIANS | v | Birkirkara | CP | 21 min | 2-1 | National Stadium |
| 411 | 25.04.10 | EDWARD HERRERA | HIBERNIANS | v | Birkirkara | CP | 27 min | 3-1 | National Stadium |
| 412 | 25.04.10 | TRISTON CARUANA | HIBERNIANS | v | Birkirkara | CP | 34 min | 4-1 | National Stadium |
| 413 | 25.04.10 | SYLVANO COMVALIUS | BIRKIRKARA | v | Hibernians | CP | 42 min | 2-4 | National Stadium |
| 414 | 25.04.10 | SHAUN BAJADA | BIRKIRKARA | v | Hibernians | CP | 46 min | 3-4 | National Stadium |
| 415 | 25.04.10 | MICHAEL GALEA | BIRKIRKARA | v | Hibernians | CP | 54 min | 4-4 | National Stadium |
| 416 | 25.04.10 | TREVOR CILIA | BIRKIRKARA | v | Hibernians | CP | 64 min | 5-4 | National Stadium |
| 417 | 29.04.10 | STEVE BEZZINA | VALLETTA | v | Qormi | CP | 23 min | 1-0 | National Stadium |
| 418 | 29.04.10 | MICHAEL GALEA | VALLETTA | v | Qormi | CP | 43 min | 2-0 | National Stadium |
| 419 | 29.04.10 | MASSIMO GRIMA | QORMI | v | Valletta | CP | 83 min | 1-2 | National Stadium |
| 420 | 30.04.10 | LUCIAN DRONCA | SLIEMA W. | v | Hibernians | CP | 62 pen | 1-0 | National Stadium |
| 421 | 30.04.10 | IVAN WOODS | SLIEMA W. | v | Hibernians | CP | 69 min | 2-0 | National Stadium |
| 422 | 30.04.10 | CLAYTON FAILLA | SLIEMA W. | v | Hibernians | CP | 90 min | 3-0 | National Stadium |
| 423 | 30.04.10 | SHAUN BAJADA | BIRKIRKARA | v | Tarxien R. | CP | 39 min | 1-0 | National Stadium |
| 424 | 04.05.10 | RYAN GRECH | TARXIEN R. | v | Hibernians | CP | 85 min | 1-0 | National Stadium |
| 425 | 04.05.10 | CAMILLO DA SILVA SANVEZZO | QORMI | v | Sliema W. | CP | 59 pen | 1-0 | National Stadium |
| 426 | 04.05.10 | JOSEPH FARRUGIA | QORMI | v | Sliema W. | CP | 79 min | 2-0 | National Stadium |
| 427 | 04.05.10 | STEFAN GIGLIO | QORMI | v | Sliema W. | CP | 87 min | 3-0 | National Stadium |
| 428 | 05.05.10 | TERENCE SCERRI | VALLETTA | v | Birkirkara | CP | 27 min | 1-0 | National Stadium |
| 429 | 05.05.10 | EDMOND AGIUS | VALLETTA | v | Birkirkara | CP | 43 min | 2-0 | National Stadium |
| 430 | 05.05.10 | MICHAEL GALEA | BIRKIRKARA | v | Valletta | CP | 47 min | 1-2 | National Stadium |
| 431 | 05.05.10 | TERENCE SCERRI | VALLETTA | v | Birkirkara | CP | 49 min | 3-1 | National Stadium |
| 432 | 05.05.10 | SYLVANO COMVALIUS | BIRKIRKARA | v | Valletta | CP | 57 min | 2-3 | National Stadium |
| 433 | 05.05.10 | TERENCE SCERRI | VALLETTA | v | Birkirkara | CP | 65 min | 4-2 | National Stadium |

# Klassifika Finali

**CHAMPIONSHIP POOL**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birkirkara | 28 | 20 | 4 | 4 | 64 | 32 | 45 |
| Valletta | 28 | 20 | 4 | 4 | 71 | 25 | 44 |
| Qormi | 28 | 15 | 2 | 11 | 53 | 36 | 30 |
| Sliema W. | 28 | 14 | 2 | 12 | 41 | 37 | 30 |
| Tarxien R. | 28 | 10 | 6 | 12 | 41 | 50 | 23 |
| Hibernians | 28 | 8 | 6 | 14 | 40 | 51 | 17 |

**RELEGATION POOL**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana | 24 | 10 | 6 | 8 | 35 | 41 | 25 |
| Ħamrun S. | 24 | 10 | 4 | 10 | 41 | 39 | 24 |
| Dingli S. | 24 | 2 | 0 | 22 | 23 | 71 | 5 |
| Msida S.J.* | 24 | 4 | 4 | 16 | 24 | 51 | 1 |

Birkirkara champions

(*Tnaqqsulhom 10 punti)

## BOV Plejer tax-Xahar - Trevor Cilia jirbaħ l-aħħar unur tal-istaġun

Il-midfielder ta' Birkirkara, Trevor Cilia, rebaħ il-premju BOV Player of the Month għal April u Mejju 2010. Dan wara li l-istess Trevor Cilia kien rebaħ l-unur ta' Plejer tax-Xahar għal Frar.

Cilia huwa unaniment rikonoxxut bħala wieħed mill-membri l-aktar importanti fit-tim ta' Birkirkara, li kellu rwol impressjonanti fit-triq li wasslet biex it-tim tiegħu jirbaħ it-titlu nazzjonali għall-istaġun 2009-2010. Il-goal vitali tiegħu fir-rebħa li Birkirkara kellhom kontra Valletta f'Marzu kien segwit minn ħamsa oħra fit-taqtiegħa għat-titlu fl-aħħar xahrejn.

Il-kontribut ta' Cilia għas-suċċess tal-iStripes, sew fil-midfield u sew għall-goals li skorja, taw aktar saħħa lil sħabu fit-tim biex huma wkoll itejbu l-wirjiet tagħhhom, filwaqt li ġibed ukoll l-attenzjoni tal-kowċ nazzjonali John Buttigieg. Dan l-interess kien ikkonfermat bil-preżenza ta' Cilia fl-iskwadra tat-tim nazzjonali Malti.

Dan l-unur individwali, l-aħħar wieħed għal dan l-istaġun, huwa ċertament iċ-ċirasa fuq il-kejk għal dan il-plejer u dan wara t-trijonf fil-kampjonat.

Charles Borg, Kap Uffiċjal fil-Bank of Valletta ippreżenta t-trofew lil Trevor Cilia li għażel lil Puttinu Cares bħala l-organizazzjoni li bbenefikat mid-donazzjoni marbuta ma' dan l-unur.

BOV 1st Div. League

Bank of Valletta
your Success, our Goal

# Pietà Hotspurs isalvaw posthom fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni



It-tim ta' Vittoriosa Stars qabel l-aħħar logħba li wasslithom għall-promozzjoni

**Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni**

| | | |
|---|---|---|
| 24-Apr | Pieta' Hotspurs vs Melita Amateurs | 1-1 |
| 24-Apr | Mosta vs Vittoriosa Stars | 1-2 |
| 25-Apr | St.Patrick vs St. George's | 3-3 |
| 25-Apr | Balzan Youths vs San Gwann | 3-2 |
| 26-Apr | Marsaxlokk vs Mqabba | 1-1 |
| 01-Mej | Pieta' Hotspurs vs Mosta | 1-3 |
| 01-Mej | Melita Amateurs vs St.Patrick | 0-2 |
| 02-Mej | San Gwann vs Vittoriosa Stars | 0-1 |
| 02-Mej | St.George' s vs Marsaxlokk | 0-5 |
| 03-Mej | Mqabba vs Balzan Youths | 1-0 |

**Relegation Decider**

| | | |
|---|---|---|
| 08-Mej | St.Patrick vs Pieta' Hotspurs | 4-5 pen. |

**Klassifika**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marsaxlokk | 18 | 12 | 5 | 1 | 42 | 14 | 41 |
| Vittoriosa Stars | 18 | 11 | 3 | 4 | 28 | 13 | 36 |
| Balzan Youths | 18 | 9 | 4 | 5 | 26 | 18 | 31 |
| St.George' s | 18 | 9 | 2 | 7 | 28 | 32 | 29 |
| Mosta | 18 | 7 | 6 | 5 | 31 | 28 | 27 |
| Mqabba | 18 | 5 | 6 | 7 | 30 | 30 | 21 |
| Melita Amateurs | 18 | 5 | 4 | 9 | 21 | 31 | 19 |
| Pieta' Hotspurs | 18 | 4 | 5 | 9 | 14 | 25 | 17 |
| St.Patrick | 18 | 5 | 2 | 11 | 14 | 34 | 17 |
| San Gwann | 18 | 2 | 5 | 11 | 21 | 30 | 11 |

# Marsaxlokk jirbħu wkoll il-kompetizzjoni Knock-Out






Plejers, uffiċjali u partitarji ta' Marsaxlokk jifirħu bis-suċċess tat-tim u fuq Karmenu Bartolo, Viċi President tal-MFA, jippreżenta t-trofew lil Malcolm Licari

**Kompetizzjoni Knock-Out**

| | | |
|---|---|---|
| 08-Mej | Marsaxlokk vs Mqabba | 4-0 aet |
| 11-Mej | St.Patrick vs St.George' s | 1-2 |
| 14-Mej | Marsaxlokk vs St.George' s | 1-0 |

# Mitsubishi Lancer
# MEGA OFFERS

Choose from:

**€1,000** worth of
**FREE PETROL**

**FREE SERVICING**
up to 43,000 Km or 66 months, whichever occurs first

**€1,000** worth of
**FREE ACCESSORIES**
Choose from
- Parking Sensors
- Bluetooth/Hands free kit
- Navigation including Maltese maps
- Spoilers
- Alarms




**Industrial Motors Ltd.**
National Road, Blata l-Bajda HMR9010
Tel: 2124 2936 Mob: 9999 1666, 9946 3750
Email: info-iml@iml.mizzi.com.mt

**Mizzi Motors Ltd.**
Mgarr Road, Ghajnsielem, GSM 9016
Tel: 2155 6942 Mobile: 9978 2000
Email: jcassar@mizzimotors.com.mt

DRIVE ALIVE

MITSUBISHI MOTORS

BOV 2nd Div. League

Bank of Valletta
your Success, our Goal

# Lija Athletic u Luxol St. Andrew's promossi

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Lija Athletic | 22 | 14 | 6 | 2 | 48 | 22 | 48 |
2. Valletta FC daħħlu protest kontra r-riżultat tal-partita minħabba li sostnew li ż-żewġ plejers tas-Servizzi – l-Ingliżi Noble u Weignell – li kienu rreġistraw ma' St. George's ftit qabel il-logħba ma kellhomx affidavit jakkumpanja r-reġistrazzjoni tagħhom kif jitolbu r-regolamenti. Argument ieħor imressaq minn Valletta kien li biż-żieda ta' dawn iż-żewġ plejers issa St. George's kellhom erba' plejers tas-Servizz irreġistrati magħhom meta Regolament Nr. 41 tal-MFA kien jgħid li setgħu jirreġistraw biss tlieta. Fil-Laqgħa li saret fil-kwartieri tal-MFA, nhar il-Gimgħa 24 ta' April 1953, il-protest ta' Valletta ma kienx ġie milqugħ minħabba li l-akkużi ma ġewx ipprovati.
3. Salvu Romolo rritorna fl-ewwel ħdax ta' St. George's wara nuqqas ta' sena. L-aħħar dehra tiegħu ma' St. George's kienet fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat ta' qabel.

**12-04-1953:**
**Birkirkara FC**................5
**Hibernians FC**..............2 **H.T 3-1**
**Ref:** Major Alfred P Briffa (RMA)
**Skurjaw:** L. Saliba (B) 21', Ġ. Pisani (B) 23', S. Samut Tagliaferro (B) 32', J. C. Coulon (H) pen. 44', K. Valenzia (B), o.g Dowsett (B) 78' u J. Coreschi (H) 88'.

**Birkirkara FC:** Raymond Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Louis Caruana, Fredu Preca, Lino Lanzon, Kenneth Valenzia, Leli 'Il-Likku' Saliba, Stephen Samut Tagliaferro, Pye, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Conlin, Victor Portelli, Sunny Anastasi, Dowsett, Joe Vella Borg, Joe Xuereb, Jean Claude Coulon, Fredu Church, John Coreschi, Lorry 'Geġiġa' Cassar.

1. F'tentattiv sabiex jevita t-tieni goal ta' Hibernians żewġ minuti mit-tmiem il-goalkeeper Cosby ħabat mal-lasta u kellu jinħareġ mill-ground. Id-difensur Sunny Borg Cardona ħadlu postu u fil-ftit ħin li kien baqa' għamel l-isbaħ save tal-logħba meta salva xutt qawwi ta' Fredu Chruch minn taħtu destinat għar-rokna ta' fuq tax-xibka.
2. Hibernians kellhom erba' plejers regolari nieqsa meta Victor Formosa u Joe Griscti kienu mweġġa', John Gatt kien sospiż filwaqt li Michael Kingston kien għadu kemm iżżewweġ.

**KLASSIFIKA:** Valletta FC 18 pti.; Floriana FC 17 pti.; Birkirkara FC 16 pti.; Hibernians FC 11 pti.; Sliema Wdrs. FC 10 pti.; Rabat FC 9 pti.; Ħamrun Sp. FC 8 pti. u St.George's FC 7 pti.

**L-AQWA SKORERS:** L. Pace (Valletta FC) 8 goals; C. Azzopardi (Floriana FC) 7 goals; P. Vassallo (Valletta FC); F. Church u C. Coulon (Hibernians FC) 5 goals.




Michael Mifsud, l-awtur tal-ewwel goal Belti

F. A. TROPHY U*BET®

# Valletta jtemmu l-ħolma ta' Qormi




Waqt il-preżentazzjoni tat-trofew

**23.05.10**
**Stadium Nazzjonali fil-17.00 hrs**
**Valletta ....................2**
**Qormi ….................1**

F'logħba li huma ddominaw għal ħinijiet twal Valletta għelbu lil Qormi bl-iskor ta' 2-1 biex rebħu l-FA Trophy għat-12-il darba fl-istorja tal-klabb.

Għal dan l-aħħar konfront tal-istaġun, il-kowċ Belti, Ton Caanen, li għalih din kienet l-aħħar logħba fit-tmexxija tat-tim Belti, kellu neqsin lil Jamie Pace u Steve Bezzina biex Dyson Falzon lagħab fil-pożizzjoni insolita ta' difensur laterali fuq ix-xellug filwaqt li post Pace ħadu Edmond Agius.

Min-naħa tal-Qriema, li għalihom din kienet l-ewwel finali fl-istorja tagħhom, il-kowċ Vince Carbonaro kellu l-iskwadra kollha għad-dispożizzjoni tiegħu fejn Alfred Effiong irritorna fl-attakk flimkien ma' Camillo Da Silva Sanvezzo wara logħba sospensjoni.

Kien fit-tmien minuta meta Priso Doding qassam lejn MICHAEL MIFSUD, li kkontrolla l-ballun b'sidru f'tarf il-kaxxa u b'xutt bid-dawra bix-xellug għeleb lil Matthew Farrugia.

Il-Beltin komplew jagħfsu u erba' minuti wara huma resqu qrib li jirdoppjaw meta fuq il-lemin, Falzon qassam tajjeb lejn Roderick Briffa li mill-kross tiegħu Scerri pprova jixħet il-ballun ġewwa li kien ikklerjat minn Ramon Dos Santos.

Il-Beltin baqgħu jippressaw u, fil-21 minuta, għamlu l-iskor 2-0. Minn kross mil-lemin ta' Briffa, TERENCE SCERRI kkontrolla l-ballun u b'xutt b'saħħtu xeħet lill-partitarji numerużi Beltin f'dellirju ta' ferħ.

Fit-tieni taqsima l-Qriema ħarġu aggressivi u wara erba' minuti, minn corner mil-lemin ta' Joseph Farrugia, id-daqqa ta' ras ta' Effiong kienet maqlugħa minn fuq il-linja fatali minn Falzon.

Wara din l-azzjoni ż-żewġ timijiet naqqsu mir-ritmu tagħhom sakemm fl-64 minuta, Doding beda azzjoni personali minn nofs il-ground li fiha qabeż żewġ difensuri u hekk kif daħal fil-kaxxa inġibed mill-flokk minn Wellman, bir-referee Clayton Pisani jordna penalty.

Inkarigu ruħu l-istess Doding iżda x-xutt tiegħu għadda għoli bil-ballun imiss malmimduda u jispiċċa barra.

Fis-76 minuta kienu l-Qriema li ngħataw penalty għal foul ta' Gilbert Agius fuq CAMILLO DA SILVA SANVEZZO, b'dan tal-aħħar mill-11-il metru b'xutt b'saħħtu ma jfalliex.

Fit-83 minuta Qormi kien għoddhom għamlu l-iskor indaqs meta Effiong irnexxielu jqabbeż il-ballun minn fuq Hogg iżda Briffa laħaq fil-ħin u kklerja l-periklu minn fuq il-linja fatali.

Sat-tmiem il-Qriema tefgħu kollox fuq l-attakk iżda d-difiża Beltija żammet soda biex mas-suffara finali l-partitarji Beltin bdew biċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom li baqgħu sejrin sa Triq ir-Repubblika, fil-Belt Valletta.

VALLETTA: Andrew Hogg, Edmond Agius, Kenneth Scicluna, Roderick Briffa, Dyson Falzon (Dylan Grima 86), Gilbert Agius, Michael Mifsud, Terence Scerri, Priso Doding, Kevin Sammut, Steve Borg

QORMI: Matthew Farrugia, Duncan Pisani (Steve Meilak 89), Stephen Wellman, Ramon Dos Santos, Jonathan Bondin, Massimo Grima, Keith Fenech (Ryan Deguara 60) Joseph Farrugia, Alfred Effiong, Matthew Bartolo (Stefan Giglio 60), Camillo Da Silva Sanvezzo

REFEREE: Clayton Pisani

ASS. REFEREES: Ingmar Spiteri, Paul Apap

RABA' UFFIĊJAL: Alan M. Sant

SKORERS: M. Mifsud 8, T. Scerri 21 (V), C. Da Silva Sanvezzo 77 pen (Q)

AMMONITI: S. Borg, G. Agius, K. Scicluna, A. Hogg (V), J. Farrugia, M. Grima, C. Da Silva Sanvezzo, S. Wellman (Q)



Ton Caanen u Jordi Cruyff, it-tnejn sellmu lil Valletta b'unur sinifikanti



Terence Scerri li skorja t-tieni goal ta' Valletta fil-finali

## U*BET F.A. TROPHY Semi-Finali

| Data | Logħba | Riżultat |
|---|---|---|
| 17-Mej | Hamrun S. vs Valletta | 5-6 pen. |
| 18-Mej | Qormi vs Tarxien R. | 2-0 |



Steve Bezzina (Valletta) f'taqtiegħa ma' Obinna Obiefule (Ħamrun)



Camilo Sanvezzo (Qormi) issikkat minn Justin Grioli u Manuel Caruana (Tarxien)





vodafone
Talk for an hour, pay for a minute to all Fixed lines and all Vodafone mobiles
Send an SMS to 16200 with the word 'MORE' to apply
vodafone.com.mt/talk-more
power to you
DIADORA
vodafone

F. A. TROPHY U*BET

# Valletta F.C.

VALLETTA F.C.




Rebbieħa tal-U*BET F.A. Trophy - Staġun 2009/10

# ID-DISA' Edizzjoni tal-Malta Football Awards



Il-preżentaturi tal-edizzjoni ta' din is-sena tal-Malta Football Awards

## L-Erbgħa, 2 ta' Ġunju fit-20:00 Live fuq Melita Sports

Reġa' wasal dak iż-żmien tas-sena! Waslu l-Malta Football Awards aqwa minn qatt qabel. Illum fid-disa' edizzjoni tagħhom dawn l-Awards prestiġġjużi li jingħataw waqt lejla apposta jagħtu ġieh lill-isportivi tal-aktar sports popolari: il-futbol. Din il-produzzjoni ta' Events Services li se ssir ġewwa l-lukanda Grand Hotel Excelsior nhar l-Erbgħa, 2 ta' Ġunju 2010, se tkun ċelebrazzjoni oħra għal dawk l-individwi li ddistingwew ruħhom fix-xena tal-futbol lokali.

F'konferenza stampa Sandro Micallef, Chairperson tal-Kumitat Organizzattiv tal-Malta Football Awards, qal li dawn l-Awards huma ddisinjati l-aktar biex iservu ta' ċelebrazzjoni. "Ser inkunu qed inxiddu l-tapit l-aħmar, inleslu l-aħħar irtokki għas-sorpriżi tas-serata u fuq kollox nesponu l-istilel, jiġifieri l-plejers, il-kowċis u l-uffiċjali tal-logħba. Ser inkunu flimkien mat-telespettaturi qed naraw it-talent li kellna matul l-istaġun li għadda. Din il-lejla mhux se tkun biss okkazjoni fejn ir-rebbieħa jirċievu trofew, iżda opportunita` fejn kull min hu nvolut fil-logħba tal-futbol jiltaqa' biex niċċelebraw flimkien tmiem ta' staġun mimli xogħol u sagrifiċċju"

L-attivita` ser tkun ippreżentata minn Saviour Darmanin ex-goalkeeper internazzjonali u Catherine Micallef ġurnalista sportiva u produttriċi tal-Malta Football Awards. Micallef spjega li dawk intitolati li jivvutaw huma dawk involuti fil-logħba tal-futbol. Kien ukoll spjegat li mal-vot tal-klabbs u tal-ġurnalisti għall-kategorija tal-isbaħ goal tal-istaġun ser jingħaqdu l-voti tal-pubbliku ġenerali li ser ikun mistieden ukoll jivvota għall-isbaħ goal permezz ta' SMS 50614914. L-aktar ħames goals li jġibu punti jidħlu f'votazzjoni interattiva waqt il-lejla nnifisha fejn eventwalment ikun mħabbar ir-riżultat.

Alan Cutajar, Direttur ta' Events Services irringrazzja lill-media lokali tal-appoġġ u lill-isponsors kollha ta' din is-sena għall-impenn tagħhom f'din l-attivita'. Il-Melita Malta Football Awards ser jixxandru live fuq Melita Sports 702 u fuq il-Promotion Channel li hu stazzjon miftuħ għall-klijenti kollha ta' Melita, bit-trażmissjoni tibda fit-8pm. Mhux ser ikun hemm biljetti għal bejgħ u dawk li ser jattendu ser ikunu mistiedna personalment.

Għal aktar informazzjoni dwar edizzjonijiet preċedenti u statistika dwar il-Malta Football Awards wieħed jista' jżur is-siti eletroniċi www.maltafootall.com/awards jew www.eventsservices.tv

### L-Awards kollha li ser jingħataw fid-Disa' Edizzjoni tal-Melita Malta Football Awards huma:

1. L-Aqwa Goalkeeper
2. L-Aqwa Difensur
3. L-Aqwa Midfielder
4. L-Aqwa Attakkant
5. L-Iktar Żagħżugħ Promettenti
6. L-Aqwa Kowċ
7. L-Aqwa Plejer Barrani
8. L-Aqwa Plejer Malti
9. L-Isbaħ Goal tal-iStaġun
10. L-Aqwa Plejer Kampjonat Nisa Div 1
11. L-Aqwa Plejer Futsal Div 1
12. L-Aqwa Plejer Kampjonat GFA Melita Div 1
13. L-Aqwa Plejer Kampjonat BOV L-Ewwel Diviżjoni
14. L-Aqwa Plejer Kampjonat BOV It-Tieni Diviżjoni
15. L-Aqwa Plejer Kampjonat BOV It-Tielet Diviżjoni
16. L-Aqwa Plejer Veteran 'il fuq minn 35 sena
17. Awards Speċjali għall-Karriera

# The Euro Sport Replay Gala Night

## Is-Sibt, 5 ta' Ġunju fit-20:30 LIVE fuq Net Television



Waqt il-konferenza stampa li saret fl-istabbiliment tal-Eurosport f'Birkirkara

Birkirkara FC rebħu l-ogħla unur tal-futbol lokali hekk kif kontra kull mistenni kienu huma li għelbu l-isfida diretta ta' Valletta biex kisbu t-tielet kampjonat fl-istorja tagħhom. Fit-tmiem ta' staġun mimli emozzjonijiet, huma ħafna dawk id-dilettanti li jistennew bil-ħerqa min ser ikunu l-plejers u l-kowċis li ser ikunu ppremjati wara staġun sħiħ ta' xogħol u tensjoni.

Kienu ħafna dawk li jħobbu l-futbol lokali u dak internazzjonali li kull nhar ta' Ħadd filgħaxija segwew b'interess il-programm sportiv ta' Net Television, *Replay*. Dan il-programm, b'produzzjoni tal-aħwa ġurnalisti Ġorġ u Christian Micallef, wassal l-emozzjonijiet kollha tal-BOV Premier League mill-bidu sal-aħħar. Ma naqsux il-kontroversji u l-opinjonijiet imħallta tal-mistiedna tal-programm li ta' kull ġimgħa kienu jagħmlu l-programm interessanti fil-kontenut tiegħu. Kien għalhekk li dan l-istaġun *Replay* kellu s-sehm ta' tliet residenti bħal Hugh Caruana, Joe Caruana Curran u Bjgħrn Vassallo, li bil-karattru u l-kariżma tagħhom komplew iqajmu d-diskussjoni fost id-dilettanti tal-fubol domestiku.

B'kollox dan l-istaġun *Replay* xandar 35 programm, li kienu jinkludu features differenti li fil-maġġoranza tagħhom esklussivi. Fost dawn kien hemm saħansitra servizzi speċjali minn barra minn Malta u oħrajn fuq temi ta' interess ġenerali u xogħol ta' ġurnaliżmu investigattiv. Kien għalhekk li fil-ġimgħat li għaddew, it-tim tal-produzzjoni reġa' kien ir-rebbieħ għat-tieni sena konsekuttiva għall-aħjar ġurnaliżmu sportiv mill-*Institute of Maltese Journalists*.

Għaldaqstant l-aħħar programm ta' dan l-istaġun se jsir **nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju 2010 fit-20:30 fuq Net Television**. Dan se jkun programm speċjali ppreżentant minn Louise Tedesco u Charles Saliba f'serata msejjħa ***The Euro Sport Replay Gala Night***. S'issa diġa' saru żewġ serati bħal dawn u għalhekk din se tkun it-tielet edizzjoni organizzata mit-tim ta' *Replay*.

L-unuri kollha li se jkunu mmrebħa waqt din il-lejla huma dawn:

- **Best Overall Player**
- **Best Local Player**
- **Best Foreign Player**
- **Best Coach**
- **Best Goalkeeper**
- **Best Defender**
- **Best Midfielder**
- **Best Attacker**
- **Top Star Player Award (award mogħti mill-plejers stess)**
- **Top Star Coach Award (award mogħti mill-kowċis stess)**
- **Young Star Player Award (award mogħti mill-plejers stess)**
- **Best Young Player (Plejers imweldin wara 1 ta' Jannar 1987)**
- **Best First Division Player**
- **Best Female Player**
- **Best Club Website**
- ***Replay* Appreciation Award**
- **Lifetime Achievement Award (s)**
- **Viewers' Choice Award – Player of the Year (il-pubbliku jista' jivvota b'SMS bl-isem tal-plejer fuq 50617091)**

Waqt din il-lejla ser ikunu ppreżentati servizzi speċjali li se jkunu qiegħdin jiġbru l-emozzjonijiet ta' staġun sħiħ. Din il-lejla ser tkun sponsorizzata minn *Euro Sport* u hija produzzjoni ta' Christian Micallef u Ġorġ Micallef, bl-għajnuna ta' Roderick Vella, Simon Borda, Sandra Grech u Josef Fitzpatrick. Id-direzzjoni artistika hija fdata f'idejn Jeremy Dalli u David Chircop.

Dawk li jixtiequ jattendu għal din il-lejla li ser issir fis-sala ewlenija ta' Media. Link Communications f'Net Television, jistgħu jċemplu fuq 25965502 u jirriżervaw il-post tagħhom. Il-postijiet huma limitati.


sportinmalta.com

uffiċjalment online!

sportinmalta.com Jekk tħobb issegwi l-futbol, rugby, motor-sport, basketball, waterpolo, tiġrijiet taż-żwiemel, volleyball jew kull sport ieħor, għandek aħbar tajba hekk kif għadu kif ġie mniedi sit elettroniku ġdid li jitratta x-xena sportiva lokali. Dan is-sit elettroniku se jiffoka esklussivament fuq l-avvenimenti sportivi li jkunu qiegħdin isiru f'Malta u kif ukoll ser jirraporta l-andament tal-prestazzjonijiet li atleti Maltin ikollhom barra minn xtutna. Huwa proprju għalhekk li dan is-sit ingħata l-isem ta' sportinmalta.com.Fil-website wieħed isib fost l-oħrajn il-blogs *"L-Opinjoni ta' Sandro Micallef"* u *"Il-Mikrofonu ta' Galdes"* *minn żewġ ġurnalisti sportivi li tħobbhom jew tobgħodhom żgur ser issegwi u taqra l-opinjoni tagħhom. F'dan is-sit wieħed isib ukoll intervisti esklussivi u diversi ritratti ta' diversi attivitajiet sportivi. L-opinjoni tal-qarrejja hi wkoll importanti u għalhekk kull ġimgħa jittella' stħarriġ. Jekk id-dilettanti tal-isport ma jistgħux jidħlu fis-sit b'mod regolari hemm soluzzjoni wkoll – is-sit joffri l-opportunita' li tabbona għall-aġġornamenti kuljum li jidħlulek fil-mailbox tiegħek b'mod regolari. U jekk dan mhux biżżejjed dan is-sit joffri wkoll l-opportunita' lill-qarrejja u d-dilettanti tal-isport biex jibgħatu huma stess stejjer, informazzjoni u ritratti fuq info@sportinmalta.com u dan biex ikunu ppublikati.* Żur il-website sportinmalta.com u żgur li għada terġa' żżurha.

FIFA
*For the Good of the Game*







# Ir-rebbieħa kollha tat-Tazza tad-Dinja

| Sena | Pajjiż Ospitu | Rebbieħa |
|---|---|---|
| 1930 | Urugwaj | Urugwaj |
| 1934 | Italja | Italja |
| 1938 | Franza | Italja |
| 1950 | Brażil | Urugwaj |
| 1954 | Svizzera | Ġermanja |
| 1958 | Svezja | Brażil |
| 1962 | Ċili | Brażil |
| 1966 | Ingilterra | Ingilterra |
| 1970 | Messiku | Brażil |
| 1974 | Ġermanja | Ġermanja |
| 1978 | Arġentina | Arġentina |
| 1982 | Spanja | Italja |
| 1986 | Messiku | Arġentina |
| 1990 | Italja | Ġermanja |
| 1994 | Stati Uniti | Brażil |
| 1998 | Franza | Franza |
| 2002 | Korea | Brażil |
| 2006 | Ġermanja | Italja |

## Grupp A

**AFRIKA T'ISFEL**
*Belt Kapitali* - Pretoria
*Popolazzjoni* - 49.3 miljun
*Kobor* - 1,221,037 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* - 1991
*Stadium Nazzjonali* - Soccer City Stadium
*Kowċ Nazzjonali* - Carlos Albert Perreira
*Konfederazzjoni* - CAF

**FRANZA**
*Belt Kapitali* - Pariġi
*Popolazzjoni* - 66 miljun
*Kobor* - 675,000 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* - 1919
*Stadium Nazzjonali* - Stade de France
*Kowċ Nazzjonali* - Raymond Domenech
*Konfederazzjoni* - UEFA

**MESSIKU**
*Belt Kapitali* - Mexico City
*Popolazzjoni* - 111.2 miljun
*Kobor* - 111,211,789 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* - 1927
*Stadium Nazzjonali* - Azteca Stadium
*Kowċ Nazzjonali* - Javier Aguirre
*Konfederazzjoni* - CONCACAF

**URUGWAJ**
*Belt Kapitali* - Montevideo
*Popolazzjoni* - 3.5 miljuni
*Kobor* - 111,211,789 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* - 1900
*Stadium Nazzjonali* - Centenario Stadium
*Kowċ Nazzjonali* - Oscar Tabarez
*Konfederazzjoni* - CONMEBOL

## Grupp B

**ARĠENTINA**
*Belt Kapitali* – Beunos Aires
*Popolazzjoni* – 3.5 miljuni
*Kobor* – 176,215 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1893
*Stadium Nazzjonali* – El Monumental
*Kowċ Nazzjonali* – Diego Armando Maradona
*Konfederazzjoni* – CONMEBOL

**GREĊJA**
*Belt Kapitali* – Ateni
*Popolazzjoni* –11.5 miljuni
*Kobor* – 11,306,183 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1926
*Stadium Nazzjonali* – Spyros Louis Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Otto Rehhagel
*Konfederazzjoni* – UEFA

**KOREA**
*Belt Kapitali* – Seoul
*Popolazzjoni* –73 miljun
*Kobor* – 73,000,000 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1928
*Stadium Nazzjonali* – Seoul Olympic Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Jung-Moo Huh
*Konfederazzjoni* – AFC

**NIĠERJA**
*Belt Kapitali* – Abuja
*Popolazzjoni* – 154.7 miljun
*Kobor* – 923,768 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1945
*Stadium Nazzjonali* – Abuja Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Lars Lagerback
*Konfederazzjoni* – CAF




## Grupp Ċ

**ALĠERIJA**
*Belt Kapitali* – Algiers
*Popolazzjoni* – 34.8 miljuni
*Kobor* – 2,381,741 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1962
*Stadium Nazzjonali* – Stade 5 Juillet, 1962, Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Rabah Saadane
*Konfederazzjoni* – CAF

**INGILTERRA**
*Belt Kapitali* – Londra
*Popolazzjoni* – 51.4 miljuni
*Kobor* – 130,295 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1863
*Stadium Nazzjonali* – Wembley Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Fabio Capello
*Konfederazzjoni* – UEFA

**SLOVENJA**
*Belt Kapitali* – Ljubljana
*Popolazzjoni* – 2.05 miljuni
*Kobor* – 20,273 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1920
*Stadium Nazzjonali* – Petrol Arena
*Kowċ Nazzjonali* – Matjaz Kek
*Konfederazzjoni* – UEFA

**STATI UNITI**
*Belt Kapitali* – Washington DC
*Popolazzjoni* – 309.3 miljuni
*Kobor* – 9,826,675 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1913
*Stadium Nazzjonali* – Xejn
*Kowċ Nazzjonali* – Lubos Kubik
*Konfederazzjoni* – CONCACAF

## Grupp D

**AWSTRALJA**
*Belt Kapitali* – Canberra
*Popolazzjoni* – 22.4 miljuni
*Kobor* – 7,617,930 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1921
*Stadium Nazzjonali* – Sydney Olympic Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Pim Verbeek
*Konfederazzjoni* – AFC

**ĠERMANJA**
*Belt Kapitali* – Berlin
*Popolazzjoni* – 81.7 miljuni
*Kobor* – 357,021 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1900
*Stadium Nazzjonali* – Olympic Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Joachim Loew
*Konfederazzjoni* – UEFA

**GHANA**
*Belt Kapitali* – Accra
*Popolazzjoni* – 23.8 miljuni
*Kobor* – 238,535 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1957
*Stadium Nazzjonali* – Ohene Djan Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Milovan Rajevac
*Konfederazzjoni* – CAF

**SERBJA**
*Belt Kapitali* – Belgrade
*Popolazzjoni* – 7.4 miljuni
*Kobor* – 88,31 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1919
*Stadium Nazzjonali* – Crvena Zvezda Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Radomir Antic
*Konfederazzjoni* – UEFA

## Grupp E

**DANIMARKA**
*Belt Kapitali* – Copenhagen
*Popolazzjoni* – 5.5 miljuni
*Kobor* – 43,098 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1889
*Stadium Nazzjonali* – Parken Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Morten Olsen
*Konfederazzjoni* – UEFA

**ĠAPPUN**
*Belt Kapitali* – Tokjo
*Popolazzjoni* – 127.3 miljuni
*Kobor* – 377,944 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1921
*Stadium Nazzjonali* – National Olympic Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Takeshi Okada
*Konfederazzjoni* – AFC

**KAMERUN**
*Belt Kapitali* – Yaounde
*Popolazzjoni* – 18.87 miljuni
*Kobor* – 475,422 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1959
*Stadium Nazzjonali* – Stade Omnisport
*Kowċ Nazzjonali* – Paul Le Guen
*Konfederazzjoni* – CAF

**OLANDA**
*Belt Kapitali* – Amsterdam
*Popolazzjoni* – 6.07 miljuni
*Kobor* – 5,488 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1889
*Stadium Nazzjonali* – Amsterdam Arena
*Kowċ Nazzjonali* – Bert van Marwijk
*Konfederazzjoni* – UEFA

Budweiser
KING OF BEERS
HE 2010 FIFA WORLD CUP™
Responsibility matters.

## Grupp F

**ITALJA**
*Belt Kapitali* – Ruma
*Popolazzjoni* – 60.2 miljuni
*Kobor* – 301,338 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1898
*Stadium Nazzjonali* – Olimpico
*Kowċ Nazzjonali* – Marcello Lippi
*Konfederazzjoni* – UEFA

**NEW ZEALAND**
*Belt Kapitali* – Wellington
*Popolazzjoni* – 4.4 miljuni
*Kobor* – 268,021 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1891
*Stadium Nazzjonali* – Westpac Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Ricki Herbert
*Konfederazzjoni* – OFC

**PARAGWAJ**
*Belt Kapitali* – Asuncion
*Popolazzjoni* – 6.4 miljuni
*Kobor* – 406,752 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1906
*Stadium Nazzjonali* – Estadio Defensores del Chaco
*Kowċ Nazzjonali* – Gerardo Martino
*Konfederazzjoni* – CONMEBOL

**SLOVAKKJA**
*Belt Kapitali* – Bratislava
*Popolazzjoni* – 5.4 miljuni
*Kobor* – 49,035 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1938
*Stadium Nazzjonali* – Tehelne Pole
*Kowċ Nazzjonali* – Vladimir Weiss
*Konfederazzjoni* – UEFA

## Grupp Ġ

**BRAŻIL**
*Belt Kapitali* – Brasilia
*Popolazzjoni* – 192.2 miljuni
*Kobor* – 8,514,877 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1914
*Stadium Nazzjonali* – Maracana Stadium
*Kowċ Nazzjonali* – Carlos Dunga
*Konfederazzjoni* – CONMEBOL

**IVORY COAST**
*Belt Kapitali* – Yamoussoukro
*Popolazzjoni* – 20.6 miljuni
*Kobor* – 322,460 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1960
*Stadium Nazzjonali* – Stade Felix Houphouet Boigny
*Kowċ Nazzjonali* – Sven Goran Eriksson
*Konfederazzjoni* – CAF

**KOREA TA' FUQ**
*Belt Kapitali* – Pyongyang
*Popolazzjoni* – 24.1 miljuni
*Kobor* – 120,540 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1945
*Stadium Nazzjonali* – Rungrado May Day
*Kowċ Nazzjonali* – Kim Jong-Hun
*Konfederazzjoni* – AFC

**PORTUGALL**
*Belt Kapitali* – Lisbona
*Popolazzjoni* – 10.7 miljuni
*Kobor* – 92,090 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1914
*Stadium Nazzjonali* – Jose Alvalade
*Kowċ Nazzjonali* – Carlos Queiroz
*Konfederazzjoni* – UEFA

## Grupp Ħ

**ĊILI**
*Belt Kapitali* – Santiago
*Popolazzjoni* – 17.06 miljuni
*Kobor* – 756,950 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1895
*Stadium Nazzjonali* – Nacional
*Kowċ Nazzjonali* – Marcelo Biesla
*Konfederazzjoni* – CONMEBOL

**HONDURAS**
*Belt Kapitali* – Tegucigalpa
*Popolazzjoni* – 7.8 miljuni
*Kobor* – 112,492 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1951
*Stadium Nazzjonali* – Olimpico
*Kowċ Nazzjonali* – Reinaldo Rueda
*Konfederazzjoni* – CONCACAF

**SPANJA**
*Belt Kapitali* – Madrid
*Popolazzjoni* – 45.9 miljuni
*Kobor* – 504,030 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1909
*Stadium Nazzjonali* – Santiago Bernabeu
*Kowċ Nazzjonali* – Vicente Del Bosque
*Konfederazzjoni* – UEFA

**SVIZZERA**
*Belt Kapitali* – Bern
*Popolazzjoni* – 7.7 miljuni
*Kobor* – 41,284 km k.

*Twaqqif tal-Assoċjazzjoni* – 1895
*Stadium Nazzjonali* – St. Jacob
*Kowċ Nazzjonali* – Ottmar Hitzfeld
*Konfederazzjoni* – UEFA




One World, One Passion, One Game
U*BET®
play your game
UNDER 16
Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333
www.ubet.com.mt



# It-tim Malti umiljat mis-saħħa tal-avversarji

Il-kontroversja li nqalgħet ftit qabel il-logħbiet tal-Kampjonat Ewropew tal-Waterpolo ftit li xejn għenet lit-tim Malti fil-prestazzjonijiet tiegħu. Fil-fatt, it-tim kien nieqes minn diversi elementi mportanti fosthom il-plejers ta' Neptunes, Steve u Jordan Camilleri, Sean Gravina u diversi plejers oħra li temmew il-karriera tagħhom is-sena li għaddiet bħal Josie Cachia u Jonathan Valletta ta' Sliema. Wieħed jista' jargumenta li l-oppożizzjoni kienet waħda ferm qawwija, iżda li titlef bl-iskor ta' 26-2 kontra Spanja, 12-5 kontra t-Turkija u 19-6 kontra s-Slovakkja huwa xi ftit jew wisq umiljanti.

Dan, f'wieħed mid-dixxiplini sportivi fejn ninsabu fost il-krema Ewropea, għalkemm mhux fuq il-livell tal-ġganti fil-waterpolo bħall-Ungerija, l-Italja, il-Kroazja, is-Serbja u Spanja. Il-fatt li m'għadniex nikkompetu fl-Ewropa huwa wieħed mill-fatturi li forsi sofrejna dawn it-telfiet kbar. Huwa bla valur li fil-Kampjonat tas-Sajf jinġiebu plejers ta' livell għoli u nispiċċaw noqogħdu ninħlew f'pika bejn il-klabbs u forsi ma nużawx l-istess flus għall-esperjenza barra minn xtutna fejn il-plejers żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jakkwistaw esperjenza mill-aqwa. Fil-fatt, il-kwistjoni li nqalgħet bejn Neptunes u l-ASA kienet tikkonċerna lil Steve Camilleri, plejer li għażel li jibqa' jitħarreġ mal-klabb tiegħu, Bogliasco, fl-Italja, milli jilgħab mat-tim nazzjonali fl-impenji li kellu.




Kulħadd jara l-biċċa tiegħu, b'Camilleri ħerqan li jkompli l-esperjenza barranija tiegħu li waslet fi stadju kruċjali, filwaqt li l-ASA riedet li dan jilgħab mat-tim nazzjonali f'avveniment daqstant importanti. Plejer ta' klassi bħal Camilleri huwa bżonnjuż u kull meta lagħab dejjem ksibna riżultati tajbin u dan jixhduh il-konfronti pożittivi li kellna matul is-sajf li għadda kontra nazzjonijiet bħall-Irlanda, Georgia u l-Finlandja. Fattur ieħor għal dawn il-wirjiet deludenti seta' kien dak tal-preparazzjoni, fejn fl-aktar mumenti mportanti għat-taħriġ tal-grupp, il-pixxina nazzjonali mhux dejjem kienet għad-dispożizzjoni tal-iskwadra minħabba x-xogħlijiet li saru fiha, bit-tim nazzjonali jispiċċa jitħarreġ f'pixxina żgħira bħal dik ta' Ta' Qali. Għaldaqstant nittamaw li l-esperjenza qarsa ta' dawn il-kampjonati ma sservix għalxejn u kulħadd jitgħallem mill-iżbalji li saru.


Steve Camilleri, l-aktar plejer mportanti fil-preżent u li kien nieqes mit-tim nazzjonali


Sean Gravina plejer ieħor li naqas li jkun parti mill-iskwadra nazzjonali minħabba mpenji ta' xogħol



John Soler l-awtur taż-żewġ goals kontra Spanja

## Riżultati

Aquatic Sports Association MALTA

LEN european aquatics

**Spanja 26 - Malta 2**
**(1-7, 0-7, 1-5, 0-7)**

F'logħba li l-iSpanjoli iddominaw mill-bidu salaħħar, l-iskor jixhed iddistakk qawwi bejn iż-żewg timijiet. Il-gowls tal-Maltin waslu t-tnejn mill-captain ta' Sliema u tat-tim nazzjonali, John Soler, bl-istess plejer ifalli wkoll penalty fit-tielet sessjoni.

**Turkija 12 - Malta 5**
**(0 -3, (1 -2, 1- 5, 3-2)**

Fit-tieni konfront it-tim Malti offra reżistenza qawwija u fl-aħħar ħareġ tellief bl-iskor ta' 12-5. Il-Maltin immexxija mill-kowċ Sergio Afric irnexxielhom jirbħu l-aħħar sessjoni bl-iskor ta' 3-2. Fl-ewwel logħba tagħhom, it-Turkija għelbu lit-tim Slovakk bl-iskor ta' 6-5 biex b'hekk kienu diġà għamlu ipoteka fuq min kien se jakkumpanja lil Spanja fir-round finali ta' din il-kompetizzjoni. It-Torok kellhom sitwazzjoni ta' 14-il man-up, filwaqt li l-Maltin irnexxielhom jiksbu sitt sitwazzjonijiet b'raġel aktar. L-iskorers għal Malta kienu Nikki Lanzon (2), b'John Soler, Clint Debono u Michele Stellini jiskorjaw gowl kull wieħed.

**Slovakkja 19 - Malta 5**
**(5-1, 5-2, 7-1, 2-1)**

L-aħħar logħba tat-tim nazzjonali Malti kienet kontra Slovakkja, tim mhux bi tradizzjoni kbira, fejn finalment ħriġna telliefa bl-iskor kbir ta' 19-5. Minn dan il-konfront kulħadd stenna prestazzjoni aħjar iżda l-Maltin għal darb'oħra batew kontra avversarji aktar ippreparati. Il gowls tal Maltin ġew skorjati minn Matthew Zammit (2), filwaqt li Paul Privitera, John Brownrigg u Nikki Lanzon skorjaw gowl kull wieħed.

**Ir-riżultati l-oħrajn fil-grupp ta' Malta kienu dawn:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Spanja | 9 | Slovakkja | 5 |
| Turkija | 6 | Slovakkja | 5 |
| Spanja | 13 | Turkija | 4 |

**Klassifika finali:**

| | L | R | D | T | F | K | Diff. | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 3 | 3 | 0 | 0 | 48 | 11 | 37 | 9 |
| Turkija | 3 | 2 | 0 | 1 | 22 | 23 | -1 | 6 |
| Slovakkja | 3 | 1 | 0 | 2 | 29 | 20 | 9 | 3 |
| Malta | 3 | 0 | 0 | 3 | 12 | 57 | -45 | 0 |

Spanja u t-Turkija ikkwalifikaw għar-round finali tal-Kampjonat Ewropew tal-Waterpolo li se jsir f'Zagreb, fil-Kroazja, bejn l-aħħar ta' Awwissu u l-bidu ta' Settembru.



45 YEARS OF BASKETBALL
45 SENA TA' BASKETBALL

# Siġġiewi Kent Boringer u Hibs Medsea rebbieħa Nazzjonali

**Kampjonat BOV I Diviżjoni Irġiel**

**Play-Off - Finali 1**
**Athleta Compleet IS ................63**
**Siggiewi Kent Boringer ............52**
**(13-15, 16-16, 15-15, 19-5)**

*Athleta*: 25 Michael Naudi, 10 Omar Said, 9 Cameron Doughty, 9 Etienne Bezzina
*Siggiewi*: 15 Adrian Micallef, 13 Marco Matijevic, 11 Alex Tabone, 9 Peter Shoults
*Referees*: Gordon Barbara, Emanuel Mangani, Alfred Carbonaro

**Play-Off - Finali 2**
**Siggiewi Kent Boringer ............56**
**Athleta Compleet IS ................51**
**(14-15,16-17, 14-10, 12-9)**

*Siggiewi*: 22 Peter Shoults, 16 Marco Matijevic
*Athleta*: 16 Omar Said, 15 Michael Naudi, 12 Addison Bonnici
*Referees*: Bernard Vassallo, Gordon Barbara, Jean Paul Sammut

**Play-Off - Finali 3**
**Athleta Compleet IS ................57**
**Siggiewi Kent Boringe ..............62**
**(12-12, 18-13, 15-8, 12-29)**

*Athleta*: 16 Omar Said, 16 Addison Bonnici, 15 Michael Naudi
*Siggiewi*: 16 Adrian Micallef, 16 Marko Matijevic, 11 Karl Borg, 10 Peter Shoults
*Referees*: Bernard Vassallo, Gordon Barbara, Jean Paul Sammut

**Rebbieħa – Kampjonat 1 Div. Irġiel**

1967 Mundlos
1968 Mundlos
1969 Neptunes
1970 Luxol
1971 Sliema Aperol
1972 Luxol
1973 Sliema Aperol
1974 Sliema Aperol
1975 Polytechnic Fiat
1976 Wrangler
1977 Wrangler
1978 Luxol Pepsi
1979 Luxol Pepsi
1980 University Fiat
1981 University Fiat
1982 Luxol Capt. Morgan
1983 Luxol Murisan
1984 Luxol Murisan
1985 Hamrun Liberty Sigma
1986 Athleta
1987 Sliema J. Magic Kiosk
1988 Enemalta Paola Stars
1989 Enemalta Paola Stars
1990 Enemalta Paola Stars
1991 Depiro Eden Leisure
1992 Depiro Eden Leisure
1993 Luxol Fitgar
1994 Sliema J. Aperol
1995 Depiro Eden Leisure
1996 Depiro Eden Leisure
1997 Depiro Eden Lieisure
1998 Depiro Eden Leisure
1999 Pembroke Repsol
2000 Pembroke Repsol
2001 Fiat Luxol
2002 Pembroke Allcom
2003 Fiat Luxol
2004 Pembroke Tumas Group
2005 Hamrun L. Go Mobile
2006 Pembroke
2007 Dakar Sliema
2008 Bupa Luxol
2009 Bupa Luxol
2010 Siggiewi Kent Boringer

**Kampjonat II Diviżjoni Irġiel Klassifika Finali**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Starlites Ker Grill | | | | | |
| 14 | 12 | 2 | 903 | 641 | 26 |
| Hamidiye Siggiewi | | | | | |
| 14 | 12 | 2 | 1010 | 785 | 26 |
| Floriana | | | | | |
| 14 | 10 | 4 | 889 | 764 | 24 |
| Mellieha Bullets | | | | | |
| 14 | 8 | 6 | 816 | 735 | 22 |
| Bell Med SN Suns | | | | | |
| 14 | 8 | 6 | 882 | 784 | 22 |
| Athleta | | | | | |
| 14 | 4 | 10 | 731 | 864 | 18 |
| Qormi | | | | | |
| 14 | 1 | 13 | 607 | 965 | 15 |
| Depiro Mtarfa | | | | | |
| 14 | 1 | 13 | 626 | 943 | 15 |

**Play Off - Finali 1**
**Starlites Ker Grill ....................60**
**Hamidiye Siggiewi ....................62**
**(14-17, 16-12, 15-13, 15-20)**

*Starlites*: 12 Robert Loporto, 9 Ivan Riolo, 9 Saviour Bonnici, 9 Duncan Cuschieri
*Siggiewi*: 21 Petar Vulovic, 17 Matthew Shoults, 12 Marco Pisani
*Referees*: Jean Paul Sammut, Emanuel Mangani

**Play-Off - Finali 2**
**Hamidiye Siggiewi ....................59**
**Starlites Ker Grill ....................51**
**(19-8, 10-12, 11-10, 19-21)**

*Siggiewi*: 13 Matthew Shoults, 13 Lee Grech, 12 Petar Vulovic, 10 Brian Grech
*Starlites*: 19 Ivan Riolo, 9 Robert Loporto, 9 Graham Coleiro
*Referees*: Gordon Barbara, Alfred Carbonaro

**Rebbieħa – Kampjonat 2 Div. Irġiel**

1971 Luxol
1972 Lyceum Stars
1973 Juventus Antoniana
1974 Juventus Antoniana
1975 Zabbar Psaila Stores
1976 Athleta
1977 Rabat Depiro
1978 La Salle Paramount
1979 Rabat Depiro Pfaff
1980 Hamrun Liberty
1981 Siggiewi
1982 Salesians
1983 Sliema Juventus
1984 Athleta
1985 Paola Stars
1986 Valletta
1987 Hamrun Liberty
1988 Rabat Depiro
1989 Floriana
1990 Hamrun Liberty
1991 University
1992 Fino B'kara
1993 Floriana
1994 Zebbug Sibis
1995 Hibernians
1996 St. Georges
1997 1/2 Div. flimkien
1998 Promotion League
1999 St. Georges
2000 St. Georges
2001 St. Georges
2002 Floriana
2003 St. Georges
2004 Depiro
2005 Mosta
2006 Qormi Kia
2007 Mellieha SVS
2008 Qormi Kia
2009 St. James Hospital
2010 Hamidiye Siggiewi

**Kampjonat Nazzjonali Nisa Championship Pool – Finali**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Luxol | | | | | |
| 16 | 13 | 3 | 904 | 645 | 28 |
| Hibs Medsea | | | | | |
| 16 | 13 | 3 | 906 | 642 | 27 |
| McDonalds Depiro | | | | | |
| 16 | 10 | 6 | 1017 | 775 | 23 |

(It-timijiet ħadu l-punti magħhom fit-tieni fażi)

**Play-Off - Finali 1**
**Luxol ............................................47**
**Hibs Medsea ..................................43**
**(3-17, 18-10, 15-11, 11-5)**

*Luxol*: 14 Beverlee Zammit, 12 Emma Moore, 11 Steffi De Martino
*Hibs*: 10 Lucienne Bezzina, 9 Kirsten Micallef
*Referees*: Jean Paul Sammut, Brian Sly

**Play-Off - Finali 2**
**Hibs Medsea ..................................52**
**Luxol ............................................46**
**(12-5, 13-15, 11-9, 16-17)**

*Hibs*: 19 Joselle Cardona, 12 Lucienne Bezzina, 11 Doreen Micallef, 10 Alexis Darmanin
*Luxol*: 13 Steffi De Martino, 11 Beverlle Zammit
*Referees*: Emanuel Mangani, Alfred Carbonaro

**Play-Off - Finali 3**
**Luxol ............................................40**
**Hibs Medsea ..................................54**
**(13-10, 12-20, 6-3, 9-21)**

*Luxol*: 10 Emma Moore, 10 Beverlee Zammit
*Hibs*: 14 Lucienne Bezzina, 12 Kirsten Micallef, 10 Joselle Cardona
*Referees*: Emanuel Mangani, Alfred Carbonaro

**Rebbieħa – Kampjonat Nisa**

1973 M'CAST
1974 Gzira Youth Centre
1975 Luxol
1976 Polytechnic Fiat
1977 Polytechnic Fiat
1978 Polytechnic Fiat
1979 New University Fiat
1980 Athleta Legrand
1981 New University Fiat
1982 New University Fiat
1983 Athleta Fisher
1984 Luxol Murisan
1985 Luxol Murisan
1986 Luxol Imco
1987 Luxol Plasmon
1988 Siggiewi
1989 Selekta Paola Stars
1990 Luxol
1991 Selekta Paola Stars
1992 Luxol Plasmon
1993 Selekta Paola Stars
1994 Selekta Paola Stars
1995 Selekta Hibs
1996 B'Kara MFS
1997 Pembroke Assitalia
1998 Hibernians
1999 Hibernians
2000 Hibernians
2001 Hibs Go Mobile
2002 Depiro Still
2003 Depiro Still
2004 Depiro Still
2005 Depiro Still
2006 Hibs Medsea
2007 Hibs Medsea
2008 Hibs Medsea
2009 Hibs Medsea
2010 Hibs Medsea


Uffiċjali u Plejers ta' Siġġiewi jiċċelebraw


It-Tim ta' Hibs Medsea







# NEW DOVE MEN+CARE




## [ BE COMFORTABLE IN YOUR OWN SKIN ]

# Malta żżomm postha f'Diviżjoni 2B

It-tim nazzjonali Malti tar-rugby għalaq l-impenji tiegħu fil-grupp ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja, b'telfa u rebħa li waslu fi spazju ta' ftit jiem minn xulxin. L-ewwel impenn għat-tim Malti kien il-konfront kontra l-Olanda, tim li jinsab 11-il post qabilna fir-rankings mondjali. Fil-fatt il-logħba kienet waħda diffiċli, speċjalment li t-tim Malti kellu jilgħab barra minn pajjiżna u li l-avversarji jipposjedu tim ta' kwalità u saħħa fiżika rilevanti. Il-logħba bdiet mill-ewwel favur l-Olandiżi u wara ftit minuti dawn fetħu vantaġġ ta' 7-0. L-iskor kontra l-Maltin baqa' jikber u sa qabel il-mistrieħ Freddie Lingsma bi try għamel l-iskor 19-0. Dan kellu jkun l-iskor finali għaliex matul it-tieni taqsima it-tim Malti ddefenda tajjeb u ma ħalliex spazju minn fejn l-avversarji setgħu joperaw, tant, li ma sofra l-ebda dannu.

Intant, fit-tieni konfront, dak kontra l-Latvja, l-atmosfera u l-motivazzjoni kienu totalment differenti minn dawk fl-Olanda u quddiem pubbliku numeruż u brijuż, it-tim immexxi mill-kowċ Damien Neill offra prestazzjoni stupenda. It-tim Malti kien ferm offensiv u veloċi fil-logħob tiegħu, tant li l-avversarji qatt ma dehru li setgħu jieħdu xi ħaġa minn dan il-konfront. Din kienet ir-raba' rebħa tal-Maltin minn tmien logħbiet, fejn il-plejers Thomas Holloway u James O'Brien iddistingwew rwieħhom fuq kulħadd. Wara r-rebħa kontra l-iSvezja ftit jiem qabel, l-avversarji riedu rebħa oħra biex isalvaw posthom, iżda finalment għamlu ftit wisq kontra t-tim determinat u superjuri tal-Maltin. L-iskor kien dejjem favur il-Maltin fejn sal-mistrieħ kien 12-5 u eżatt mal-ftuħ tat-tieni taqsima sar 17-5 meta Oliver Sacco għamel try importanti. It-tim Malti kompla jżid fil-logħob u try oħra ta' Matthew Jarrett għamlet l-iskor 24-5, biex eżatt wara l-Latvjani naqqsu d-distakk għal 24-10 permezz ta' try minn Augustis Augstikalns. Iżda James O'Brien minn penalty għalaq l-isfida meta minn penalty rreġistra skor akbar għall-Maltin, biex il-logħba ntemmet 27-10. Riżultat li fisser li t-tim Malti salva postu f'Diviżjoni 2B u issa jinsab fil-pożizzjoni numru 46 fil-klassifika mondjali tan-nazzjonijiet.



Konfront fiżiku bejn plejers Maltin u dawk Latvjani

RUGBY WORLD CUP 2011

## Il-formazzjonijiet taż-żewġ logħbiet:

| Olanda – 19 | Malta – 0 |
|---|---|
| 1. Jonkers Allard | 1. Alistair Livesey |
| 2. Buburuzan Costin | 2. Michael McArdle |
| 3. Rijnholt Norbertus | 3. Peter Bradley |
| 4. Stahlecker Mauritius | 4. Luke Watts |
| 5. Buseman Koenraad | 5. Clayton Cassar |
| 6. Bonhof Jordy | 6. Michael Bonavia |
| 7. Van Leijen Roy | 7. Joss Howlands |
| 8. Knox Jason Spencer | 8. Robert Bonavia |
| 9. Scheffer Roger | 9. Thomas Holloway |
| 10. Werth Anton Heinrich | 10. Robert Holloway |
| 11. Boske Jay Jay | 11. Matthew Mirabelli |
| 12. Lingsma Freddie | 12. Dominic Busuttil |
| 13. Van de Ruit Floris | 13. Matthew Jarrett |
| 14. Visser Sep | 14. Oliver Sacco |
| 15. 16.Cornelisse Bastiaan | 15. James O'Brien |
| 16. 21.Loose Merijntje | 16. Thomas Pace-Moore |
| 17. Van de Cruijsen Miquel | 17. Nathan Gatt |
| 18. Schumacher JeanPierr | 18. Michael Whitney |
| 19. Jehee Thebbe Mink | 19. Charles Sammut |
| 20. Grimbergen Vincent | 20. Joseph Cutajar |
| 21. Koenen Leon Robin | 21. Malcolm Attard |
| 22. Roovers Rik Pieter | 22. Matthew Camilleri |
| **Manager:** *Michel Arnold* | **Manager:** *Danny Sacco* |
| **Kowċ:** *Dispas Hugues* | **Kowċ:** *Damian Neill* |

| Malta – 27 | Latvja – 10 |
|---|---|
| 1. Alister Livesey | 1. Edgars Cirulis |
| 2. Michael McArdle | 2. Andris Andersons |
| 3. Peter Bradley | 3. Jania Skuja |
| 4. Luke Watts | 4. Vjacesslvavs Tisko |
| 5. Clatgon Cassar | 5. Sandis Barks |
| 6. Michael Bonavia | 6. Maria Ceksters |
| 7. Joss Howlands | 7. Aldis Augstkains |
| 8. Robert Bonavia | 8. Leno Mramanis |
| 9. Thomas Holloway | 9. Sergejs Avdejers |
| 10. Robert Holloway | 10. Janis Priede |
| 11. Mathew Mirabelli | 11. Nauris Berzins |
| 12. Dominic Busutill | 12. Rusians Kotlevs |
| 13. Mathew Jarret | 13. Viktors Silvoniks |
| 14. Oliver Sacco | 14. Reinis Pepa |
| 15. James O'Brien | 15. Valters Rankis |
| 16. Ian Borda | 16. Aris Andersons |
| 17. Nathan Gatt | 17. Maris Andersons |
| 18. Michael Whitney | 18. Andreus Melnikovs |
| 19. Charles Sammut | 19. Mareks Larionova |
| 20. Joseph Cutajar | 20. Andrejs Panasjuks |
| 21. James Finlason | 21. Vitalus Heleckis |
| 22. Mathew Camilleri | 22. Dasniels Bakirovs |
| **Manager:** *Danny Sacco* | **Manager:** *Vilmar Sokolovs* |
| **Kowċ:** *Damian Neill* | **Kowċ:** *Vladimir Nikonovs* |

### Klassifika Finali

| Poż. | Team | L | R | D | T | Diff. | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Olanda | 8 | 7 | 0 | 1 | 129 | 22 |
| 2 | Kroazja | 8 | 6 | 0 | 2 | 47 | 20 |
| 3 | Malta | 8 | 4 | 0 | 4 | -24 | 16 |
| 4 | Svezja | 8 | 2 | 0 | 6 | -15 | 12 |
| 5 | Latvja | 8 | 1 | 0 | 7 | -137 | 10 |



# Jintemm l-istaġun nazzjonali tal-MRFU

Għall-MRFU ntemm staġun ieħor ta' sodisfazzjonijiet, fejn minbarra l-organizazzjoni lokali u l-kompetizzjonijiet f'pajjiżna, fejn għandu x'jaqsam it-timijiet nazzjonali Malta kellha prestazzjonijiet tajba u laħqet l-għanijiet ippjanati. Intant wara li ftit tal-edizzjonijiet ilu konna tkellimna dwar dak li ġara qabel il-Milied, issa ser nagħtu ħarsa għal dak li seħħ minn Jannar sat-tmiem tal-istaġun.



Azzjoni mill-kampjonat nazzjonali tal-ir;iel bejn Overseas u Valletta

Wara l-festi tal-Milied, l-istaġun issokta nhar id-9 ta' Jannar b'rebħa assoluta tal-iStompers fuq l-Overseas b'skor ta' 46-7. Aktar tard dak ix-xahar, segwejna logħba missielta ferm bejn it-timijiet ta' Kavallieri u Alligators; wirja xhieda tal-progress li qed jagħmel it-tim tal- Alligators taħt il-kowċ il-ġdid, Ken Williams. Għalkemm il-Gators tilfu 36-26, il-logħba tagħhom ħadet xeħta offensiva sew. Fl-aħħar Sibt tal-istess xahar, il-Kavallieri wrew id- dominanza tagħhom b'rebħa ta' 32-17 fuq l-Overseas, li għalkemm ibbażaw fil-kollettiv, qatt ma dehru li setgħu joħolqu xi sorpriża.

Fil-ġimgħa ta' wara Stompers iddominaw kontra Alligators b'rebħa komda ta' 50-0. It-tim rebbieħ wera mhux biss għaqda u ftehim tajjeb ħafna, iżda dak inhar tant kien fil-vena li l-plejers bdew jippenetraw id-difiża avversarja mingħajr problemi.

Hekk kif qorbu l-finali tal-Kampjonat Cisk Lager u tat-Tazza MRFU, il-Kavallieri komplew juru s-superjorità tagħhom b'rebħa missielta kontra Stompers, f'logħba li bdiet tissejjaħ il- logħba tal-istaġun. Il-Kavallieri rebħu din l-isfida fl-aħħar mumenti b'try ta' Bonavia wara numru ta' mauls wara xulxin, u konverżjoni ta' Dean. L-iskor finali kien dak ta' 34-26. Il- Kavallieri żammew mal-pronostiku u ġimgħa wara għelbu lill-Alligators 50-0 u spiċċaw rebħu l-kampjonat lokali.

Filwaqt li l-Kavallieri kien jimmerithom dan is-suċċess, kienu l-iStompers li rebħu t-Tazza MRFU. Quddiem folla mdaqqsa ġewwa l-Marsa, iż-żewġ timijiet taw qalbhom għal din il- logħba, fejn b'attakk wara l-ieħor il-Kavallieri sfidaw id-difiża solida tal-iStompers. Iż-żewġ naħat kien ħaqqhom il-punti li skorjaw, iżda fl-aħħar kien try ta' Camilleri li nifed id-difiża tal-Kavallieri u spiċċa rebbaħ dan l-unur lill-iStompers. Il-logħba ntemmet bl-iskor ta' 27-15.

Dan l-istaġun ra wkoll liż-żewġ timijiet tal-Falcons u l-Kavallieri jissieltu bejniethom fil-kategorija tan-nisa. Il-Falcons iddominaw il-kampjonat u b'rebħa ta' 17-0 kontra l-istess Kavallieri ssiġġillaw it-titlu, iżda mbagħad kienu l-Kavallieri li rebħu l- ewwel edizzjoni tat- Tazza 10's tan-nisa. Il-finali kienet logħba akkanita ħafna biż-żewġ timijiet jirrispondu lil xulxin bil-punti, biex sa tmiem l-ewwel taqsima l-iiskor kien dak ta' 15-0 għall-Falcons. Fit- tieni taqsim l-Kavallieri komplew jissieltu biex ġabu d-draw u spiċċaw rebħu l-konfront b' konverżjoni li għamlet ir-riżultat finali jaqra 17-15.

Hekk kif l-istaġun kien wasal fit-tmiem tiegħu waslet rebħa sabiħa għat-tim nazzjonali tal-irġiel kontra l-Latvja. It-tim tan-nisa wkoll mistenni jkun fl-azzjoni u propju matul dawn il-jiem it-tim jinsab jikkompeti fir-Rumanija fil-kompetizzjoni Ewropeja 7's. Fl-2009 in-nisa Maltin telgħu jokkupaw it-13-il pożizzjoni fl-Ewropa minn total ta' 37 tim ikklasifikat.

## Statistika tal-unuri domestiċi mirbuħa fl-aħħar snin

| Staġun | Kampjonat tal-Irġiel | Tazza MRFU | Tazza Ray Elliot Cup |
|---|---|---|---|
| 00/01 | Overseas | | |
| 01/02 | Kavallieri | Kavallieri | Kavallieri |
| 02/03 | Kavallieri | Kavallieri | Overseas |
| 03/04 | Overseas | Stompers | Kavallieri |
| 04/05 | Kavallieri | Kavallieri | Kavallieri |
| 05/06 | Stompers | Stompers | Stompers |
| 06/07 | Stompers | Kavallieri | Kavallieri |
| 07/08 | Kavallieri | Kavallieri | Kavallieri |
| 08/09 | Stompers | Stompers | Stompers |
| 09/10 | Kavallieri | Stompers | Stompers |

| | Kampjonat tan-Nisa Ben Bennet 7's | Nisa 10's League |
|---|---|---|
| 06/07 | Kavallieri | |
| 07/08 | Sharks | |
| 08/09 | Kavallieri | |
| 09/10 | Falcons | Kavallieri |

| | Irġiel 7's | Irġiel 10's |
|---|---|---|
| 09/10 | Overseas | Stompers |

### Kampjonat Cisk Lager tal-Irġiel

| | P | R | T | D | Pti | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kavallieri | 9 | 8 | 1 | 0 | 32 | 202 |
| Stompers | 9 | 7 | 1 | 1 | 30 | 192 |
| Overseas | 9 | 6 | 3 | 1 | 26 | 73 |
| Alligators | 9 | 2 | 6 | 0 | 8 | -149 |
| Valletta | 9 | 2 | 6 | 0 | 8 | -258 |

### Kampjonat Ben Bennett tan-Nisa

| | P | R | T | D | Pti | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Falcons | 9 | 8 | 1 | 0 | 32 | 163 |
| Kavallieri | 9 | 7 | 2 | 0 | 28 | 240 |
| Valletta | 9 | 3 | 6 | 0 | 12 | -90 |
| Alligators | 9 | 0 | 8 | 0 | 0 | -313 |

### Kampjonat 10' s tal-Irġiel

| | P | R | T | D | Pti | +/- |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Stompers | 7 | 6 | 1 | 0 | 24 | 154 |
| Kavallieri | 7 | 6 | 1 | 0 | 24 | 125 |
| Valletta | 6 | 2 | 4 | 0 | 8 | -74 |
| Wasps | 6 | 1 | 5 | 0 | 4 | 75 |
| Alligators | 6 | 1 | 5 | 0 | 4 | -130 |









# GOOD MORNING TO A HEALTHY LIFESTYLE

- A 250ml glass of **Tropicana** orange juice contains a full day's supply of vitamin C.
- A 250ml glass of **Tropicana** provides a tasty way to promote healthy blood pressure.
- Just 150 ml of **Tropicana Pure Premium** equals one of your 5 daily portions of fruit and vegetables as recommended by health and medical experts.

Tropicana
Pure Premium®

**Nothing added nothing taken away**

# Kavallieri R.F.C.




**Rebbieħa tal-Kampjonat Cisk Lager - Staġun 2009/10**




Seagull Chaudron fl-azzjoni

Il-poster uffiċjali tal-ewwel avveniment dan l-istaġun




Mudella li ħadet sehem f'Yalta

# Jibda kampjonat ġdid tal-*Powerboats*

## Snav – Kiton u Baia Attolini jiksbu l-ewwel rebħiet

Fil-port ta' Yalta, fin-nofsinhar tal-Ukrajna, ingħata bidu għal kampjonat ġdid tal-Powerboats, fejn għall-ewwel darba l-eroj Malti Aaron Ciantar se jkun qiegħed jikkompeti fil-klassi Evolution u mhux f'dik Supersport fejn matul l-aħħar żewġ staġuni kien spiċċa champion mondjali.

Fl-ewwel avveniment kienu ż-żewġ dgħajjes Taljani ta' Snav-Kiton, fil-Klassi Evolution u Baia Attolini f'dik Supersport, li ħarġu rebbieħa. Snav-Kiton ftit kellha diffikultà sabiex tegħleb l-oppożizzjoni tal-avversarji u kemm is-Sibt u kif ukoll il-Ħadd, Snav iddominat.

F'din il-Klassi kien hemm prestazzjoni pożittiva għal Furnibo u Metamarine, bit-tnejn jakkwistaw 28 punt kull wieħed u b'hekk bdew dan l-istaġun fuq nota tajba. Id-dgħajsa ta' Aaron Ciantar, Ukranian Spirit, spiċċat billi ma akkwistat l-ebda punt u qatt ma kienet ta' thedida għall-ewwel pożizzjonijiet, tant, li fil-ġurnata tal-Ħadd irtirat mit-tiġrija ħames dawriet mit-tmiem.

Fil-Klassi Supersport kienet Baia Attolini li kisbet l-ewwel suċċess staġjonali b'żewġ rebħiet konvinċenti, iżda hawn l-isfida kienet aktar akkanita u jidher li f'din il-Klassi it-taqbida bejn id-dgħajjes se tkun sat-tmiem.

Fil-fatt fil-jumejn ta' tiġrijiet, id-dwell kien wieħed miftuħ u l-emozzjoni kienet kbira. Kemm Spirit of Belgium, Karelpiu, Big Sergio, Jolly Drive u Seagull Chaudron issieltu mhux ftit bejniethom biex jakkwistaw punti mportanti. Fit-tiġrija tal-Ħadd, wara li Baia Attolini fetħet vantaġġ komdu, kienet Spirit of Belgium li tard fit-tiġrija qabżet fit-tieni post, b'Seagull Chaudron tinqabeż minn bosta dgħajjes u tispiċċa fil-ħames post.

Fit-tielet u r-raba' post spiċċaw Karelpiu u Jolly Drive, filwaqt li Big Sergio kisbet is-sitt post wara li fil-ġurnata tas-Sibt kienet marret tajjeb u daħlet fit-tieni post. L-avveniment li jmiss mistenni jsir f'Ġunju fil-port Malti tal-kapitali Valletta.



Spirit of Belgium minn ġewwa




Id-dgħajsa Svediża ta' Lucas Oil




Ukranian Spirit bl-ekwipaġġ magħmul minn Ciantar u Tedeschi

## KALENDARJU STAĠUN 2010

| Data | Port | Pajjiż |
|---|---|---|
| Mejju 7-9 | Yalta | Ukrajna |
| Ġunju11-13 | Valletta | Malta |
| Lulju 16-18 | San Benedetto | Italja |
| Awwissu 6-8 | Gothenburg | Svezja |
| Settembru 17-19 | Siracusa | Italja |

## KLASSI EVOLUTION

| Poż. | Nru. | Powerboat | Pti. | Nazzjon |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 88 | Snav-Kiton | 40 | Italja |
| 2 | 60 | Metamarine | 28 | Italja |
| 3 | 33 | Furnibo | 28 | Belġju |
| 4 | 66 | Cranefields Wine | 7 | Ġermanja |
| 5 | 55 | Ukranian Spirit | 0 | Ukrajna |
| 6 | 47 | Silverline | 0 | Ingilterra |
| 7 | 77 | Lucas Oil SOC | 0 | Svezja |
| 8 | 01 | Carconnex | 0 | Belġju |

## KLASSI SUPERSPORT

| Poż. | Nru. | Powerboat | Pti. | Nazzjon |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 38 | Baia-Attolini | 40 | Italja |
| 2 | 17 | Spirit of Belgium | 28 | Belġju |
| 3 | 22 | Big Sergio | 21 | Italja |
| 4 | 06 | Jolly Drive | 13 | Italja |
| 5 | 43 | Seagull Chaudron | 13 | Ukrajna |
| 6 | 81 | Karelpiu | 12 | Italja |
| 7 | 26 | Team 26 | 0 | Ingilterra |





It-tim ta' Victoria Hotspurs

# Victoria Hotspurs Champions Għawdxin

Victoria Hotspurs b'gowl fl-aħħar minuti ta' Uchenna Anyanwu ħadu dak li riedu mill-aħħar konfront tagħhom mill-Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni kontra Għajnsielem biex bil-punt li kisbu spiċċaw bi tliet punti vantaġġ fuq l-istess Blacks f'ras il-klassifika. Quddiem l-ikbar folla tal-istaġun u biż-żewġ settijiet ta' partitarji armati sa snienhom, Victoria Hotspurs kellhom isofru ħafna biex ġew dikjarati champions Għawdxin għal-11-il darba fl-istorja u b'hekk saru l-iktar tim Għawdxi li rebaħ it-titlu.

Dan is-suċċess kompla jżid mal-unuri li huma diġà rebħu dan l-istaġun fejn qabel kienu ġarrew lejn il-klabb tagħhom it-Tazzi Indipendenza u Jum il-Ħelsien.

Fil-fatt meta ħafna kienu qed jaħsbu li Għajnsielem se jżommu l-vantaġġ minimu li kien ifisser li huma jilħqu lir-Rabtin fuq quddiem u għalhekk il-ħtieġa ta' replay, wasal il-gowl mportanti li ta dan is-suċċess lill-Hotspurs wara nuqqas ta' għaxar snin. Huma għarfu jwettqu reazzjoni fejn wara li fallew li jiksbu d-draw fl-ewwel taqsima, huma wettqu sforz iddisprat fejn approfittaw anke mill-vantaġġ numeriku u b'determinazzjoni laħqu l-objettiv tagħhom. Għajnsielem bdew tajjeb, konferma tal-forma tajba li kienu jinsabu għaddejjin minnha. Konxji li rebħa biss setgħet iżżommhom fit-tellieqa finali huma stinkaw ħafna fl-ewwel fażi fejn ħadu l-vantaġġ grazzi għal koordinazzjoni tajba fil-logħob tagħhom. Wara l-intervall, iktar ma beda għaddej il-ħin huma raw il-pressjoni avversarja ġejja fuqhom fejn kellhom ifallu fl-aħħar biex għat-tieni sena konsekuttiva spiċċaw bħala runners-up fil-kampjonat. Ta' sodisfazzjoni għalihom kien li huma kienu l-uniku tim mhux megħluba minn Victoria Hotspurs matul it-tliet rawnds tal-kampjonat.

Wara l-logħba, Victoria Hotspurs bdew iċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom li laħqu l-qofol hekk kif il-plejers ġew mogħtija midalja ta' tifkira, kif ukoll li l-captian u l-viċi tiegħu, Noel Borg u Michael Vella rispettivament, ġew ippreżentati bit-tazzi tar-rebħ tal-Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni minn Alvin Grech u Joe Bajada, president u segretarju ġenerali rispettivament tal-GFA li kienu wkoll assistiti mit-teżorier tal-istess GFA, George Cini.

Nadur Youngsters u SK Victoria Wanderers spiċċaw flimkien fit-tielet post b'25 punt, wieħed iktar mill-promossi ta' Xewkija Tigers li kellhom staġun pożittiv. Kerċem Ajax sfaw relegati meta spiċċaw fl-aħħar post b'14-il punt. L-eks-champions Sannat Lions ħelsuha ħafif meta rnexxielhom iżommu posthom mal-kbar b'rebħa ta' 3-0 kontra Xagħra United, runners-up tat-Tieni Diviżjoni.

Bħala l-aqwa skorer spiċċa Manwel Cordina ta' SK Victoria b'16-il gowl u b'hekk wara nuqqas ta' 11-il-sena, plejer Għawdxi rebaħ dan l-unur.

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Victoria Hotspurs FC | 18 | 10 | 4 | 4 | 40 | 16 | 34 |
| Għajnsielem FC | 18 | 9 | 4 | 5 | 40 | 31 | 31 |
| Nadur Youngsters FC | 18 | 6 | 7 | 5 | 40 | 34 | 25 |
| SK Victoria Wanderers | 18 | 7 | 4 | 7 | 34 | 30 | 25 |
| Xewkija Tigers FC | 18 | 7 | 3 | 8 | 21 | 32 | 24 |
| Sannat Lions FC | 18 | 6 | 4 | 8 | 29 | 33 | 22 |
| Kerċem Ajax FC | 18 | 4 | 2 | 12 | 19 | 47 | 14 |



minn Joe Bajada



# Viva World Cup
## fil-jiem li ġejjien f'Għawdex

Waqt żjara ta' kortesija mill-iktar interessanti li saret minn uffiċjali għolja tal-NF Board u oħrajn min-naħa tal-GFA, li flimkien ser jorganizzaw il-VIVA World Cup 2010, f'Għawdex fi ftit jiem oħra, li dawn għamlu mal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, ingħataw iktar dettalji dwar din l-organizzazzjoni sportiva ta' dimensjoni hekk kbira għal gżira Għawdxija.

NF Board kienu rappreżentati mill-president Christian Michelis, mis-segretarju ġenerali Jean Luc Kit, u t-teżorier Jean Pierre Iermoli, filwaqt li Alvin Grech u Joe Bajada, president u segretarju ġenerali tal-GFA irrappreżentaw lill-Assoċjazzjoni Għawdxija.

Wara li ingħataw merħba, Christian Michelis qal kif il-GFA rebħet il-bid li torganizza din il-kompetizzjoni internazzjonali fejn grazzi għal filmati eċċezjonali li wrew is-sbuħija naturali tal-gżira Għawdxija, kien diffiċli li Għawdex ma jintagħżelx biex jospita dan l-avveniment sportiv internazzjonali.

Huwa wera l-fiduċja tiegħu għas-suċċess fl-organizzazzjoni. Huwa ħabbar ukoll li l-NF Board għadhom kemm ħatru l-Kummissjoni tar-Referis u wieħed minn dawk nominati huwa Joe Bajada li fuq rakkomandazzjoni tat-Taljan Mario Mazzoleni li kien il-kap tal-grupp tar-Referis li ħadu sehem fl-aħħar edizzjoni tal-Padania, Bajada wera l-kompetenza tiegħu f'dan il-qasam. Il-president tal-NF Board radd ħajr lill-uffiċjali tal-GFA għal ospitalià tagħhom u tax-xogħol kbir li qed iwettqu.

Wara, l-Ministru Giovanna Debono espremiet kemm għall-Ministeru għal Għawdex, il-GFA qed twettaq ħafna xogħol biex tkompli mhux biss torganizza l-logħob domestiku, iżda bit-titjib tal-faċilitajiet sportivi, l-GFA qed tħares 'il quddiem fid-dawl ukoll ta' dan l-avveniment sportiv internazzjonali. Hija qalet li dan huwa pass ferm importanti biex it-turiżmu sportiv ikun iktar sfruttat u temmen bis-sħiħ li din in-niċċa ta' turiżmu sportiv tista' biss tissaħħaħ wara li tgħaddi din il-VIVA World Cup. Hija tenniet l-appoġġ kollu possibbli tal-Ministeru għal Għawdex f'dan l-avveniment sportiv. Filwaqt li Giovanna Debono ferħet lil Joe Bajada għal din in-nomina tiegħu, hija awgurat kull suċċess lill-GFA u lill-NF Board għal ġimgħat li ġejjin.

Il-president tal-GFA, Alvin Grech, semma' l-ħidma kbira li għaddejja minnu l-GFA fit-titjib infrastrutturali tal-Gozo Stadium biex dan ikun ta' livell internazzjonali issa li ser jospita daqstant logħbiet fi spazju ta' ġimgħa. Huwa appella lil kull minn jista' jgħin ħalli dan l-avveniment sportiv iħalli riżultati pożittivi u li nkunu mhux biss ambaxxaturi denji ta' pajjiżna, iżda li l-parteċipanti kollha jibqgħu jgħożżu din l-esperjenza li se jkollhom flimkien fil-gżira Għawdxija.

Jean Pierre Jermoli, teżorier tal-NF Board ħabbar kif se jkunu komposti ż-żewġ gruppi fejn is-Selezzjoni Għawdxija se tilgħab flimkien mal-holders tat-Tazza l-Padania kif ukoll mal-Franċiżi ta' Occitania. Il-grupp l-ieħor se jkun ifformat mill-finalisti tal-aħħar edizzjoni, il-Kurdistan, flimkien mal-Franċiżi ta' Provance u d-debuttanti tar-Regno Due Sicilie. Se ssir ukoll kompetizzjoni femminili bejn is-Selezzjoni Għawdxija u l-Padania u din ser tintlagħab fuq żewġ legs.

Jean Luc Kit, is-segretarju tal-NF Board semma' kemm din il-kompetizzjoni tqajjem anke interess mill-media internazzjoinali fejn mistennija li fostna jkun hawn diversi ġurnalisti biex jirrapportaw dan l-avveniment internazzjonali.

Joe Bajada, min-naħa tiegħu, wara li radd ħajr lill-NF Board għan-nomina tiegħu fuq il-Kummissjoini tar-Referis, semma' li dawn il-kompetizzjonijiet se jitmexxew minn referis lokali u anke internazzjonali li l-għażliet finali ta' minn ser jirrefja se tkun ta' Mario Mazzoleni li hu ċ-chairman tal-Kummissjoni. Bajada qal li hu, flimkien ma' Mazzoleni, ser jkunu wkoll jiffurmaw parti mill-grupp tar-referis iffurmat minn referis minn Għawdex, Malta, Italja, Kurdistan, Svezja u Franza. Bajada wera wkoll il-ballun iddisinjat apposta mid-ditta Vallone, tal-Kanada, li ser jkunu wkoll l-isponsors tal-materjal li ser jintuża mir-referis fejn replika ta' dan il-ballun ikkulurit kien ippreżentat fl-aħħar tal-laqgħa minn Christin Michelis lil Ministru għal Għawdex Giovanna Debono.

**It-Tnejn 30 ta' Mejju 2010**
17.30hrs - KURDISTAN vs REGNO DUE SICILE
19.30hrs - GOZO vs PADANIA

**It-Tlieta 1 ta' Ġunju 2010**
17.30hrs - REGNO DUE SICILE vs PROVENZA
19.30hrs - PADANIA vs OCCITANIA

**L-Erbgħa 2 ta' Ġunju 2010**
17.30hrs - PROVENZA vs KURDISTAN
19.30hrs - OCCITANIA vs GOZO

**Il-Ħamis 3 ta' Ġunju 2010**
18.00hrs - GOZO vs PADANIA (1 leg Feminili)

**Il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju 2010**
15.30hrs - Final 5/6 Post
17.30hrs - SEMI-FINALE 1
19.30hrs - SEMI-FINALE 2

**Is-Sibt 5 ta' Ġunju 2010**
14.00hrs - Final 3/4 Post
16.00hrs - PADANIA vs GOZO (2 leg Feminili)
18.00hrs - Finali 1/2 Post






Gozo Channel
Company Limited

For more information contact Gozo Channel on 21561622, 21556114 or 22109000 or visit www.gozochannel.com



# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 25 ta' April 2010

**RACE 1 - (3140m) Copper**
**Monte Kristo Estates Copper Race**
1 Jeo de Touvois (Chris Vassallo)
2 Reslovs Stranden (Kerstin Catania)
3 Real Minnesota (Silvio Schembri)
4 Haut les Coeurs (Clive Gerada)

**RACE 2 - (1640m) Silver**
**Equestrian Festival Silver Heat 1**
1 Mezio Josselyn (Victor Fenech)
2 Jula Crille (Shaun Formosa)
3 Notello de Brival (Joe Schembri)
4 Hawkeye de Marco (Johann Cordina)

**RACE 3 - (1640m) Silver**
**Equestrian Festival Silver Heat 2**
1 Royal Pointer (Julian Farrugia)
2 Super Swede (Kevin Sciberras)
3 Family's Moonlight (James Carabott)
4 Izor Rick (Eugenio Bondin)

**RACE 4 - (1640m) Silver**
**Equestrian Festival Silver Heat 3**
1 Nevermind (Rodney Gatt)
2 Idaho (Melvin Farrugia)
3 Mario d'Orbec (Andrew Pace)
4 High Speed Night (Noel Baldacchino)

**RACE 5 - (1640m) Gold**
**Equestrian Festival Gold Semi Final 1**
1 Gigo Lloyd (Charles Camilleri)
2 Lass John (Shaun Formosa)
3 Angel Victory (Shaun Axisa)
4 Kelso Bricois (Darren Mizzi)

**RACE 6 - (1640m) Gold**
**Equestrian Festival Gold Semi Final 2**
1 Indian Attack (Noel Baldacchino)
2 Confidence As (Charles Camilleri)
3 Charlie Smitt (Charlo Debono)
4 Intrus des Rioults (Carmelo Micallef)

**RACE 7 - (1750m) Class A Flat**
**Butler Cup**
1 Just The Best (Ramon Grima)
2 Lordswood (Alessandro Costa)
3 Mean Mr Mustard (Demis Zammit)

**RACE 8 - (1640m) Premier**
**Equestrian Festival Premier Final**
1 Kejser Flamingo (Rodney Gatt)
2 Bello Fratello (Anthony Spagnol)
3 Lipouz Lesmelchen (Tony Demanuele)
4 Socrates (John Briffa)

**RACE 9 - (1640m) Silver**
**Equestrian Festival Silver Final**
1 Nevermind (Rodney Gatt)
2 Notello de Brival (Joe Schembri)
3 Royal Pointer (Julian Farrugia)
4 Super Swede (Kevin Sciberras)

**RACE 10 - (1640m) Gold**
**Equestrian Festival Gold Final**
1 Gigo Lloyd (Charles Camilleri)
2 Indian Attack (Noel Baldacchino)
3 Charlie Smitt (Charlo Debono)
4 Lass John (Shaun Formosa)

## Tiġrijiet tas-Sibt, 1 ta' Mejju 2010

**RACE 1 - (3140m) Copper**
**Monte Kristo Estates Copper Race**
1 Hulegardens Filur (Noel Baldacchino)
2 Juaben (Shaun Portelli)
3 Napoleon Hjo (Salvatore Cutajar)
4 Glowing Star (George Attard)

**RACE 2 - (3140m) Copper**
**Monte Kristo Estates Copper Race**
1 Fredrico Kim (Carmelo Farrugia)
2 Tapincha (Joe Debattista)
3 Electa Buzz (Charles Camilleri)
4 Panchero (David Ellul)

**RACE 3 - (3140m) Bronze**
**Polidano Bros Bronze Race**
1 Lac Megantic (Pierre Caruana)
2 Icare de Jemma (Tony Demanuele)
3 Arragon Crown (James Briffa)
4 Pretty Post (David Ellul)

**RACE 4 - (3140m) Bronze**
**Polidano Bros Bronze Race**
1 Golf Oul Dada (Noel Baldacchino)
2 Jet Starline (Mario Fenech)
3 Kalifant de Jemma (Julian Farrugia)
4 New Hope (David Ellul)

**RACE 5 - (3140m) Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Marcangelo (Charles Camilleri)
2 Jaguar de France (Darren Mizzi)
3 Magnum (Carmelo Farrugia)
4 Mambo de Chrismi (Charlie Borg)

**RACE 6 - (3140m) Gold**
**Empire Cinema Gold Race**
1 Kiflosak Cordiere (Mario Farrugia)
2 Delvin Brodde (Julian Farrugia)
3 Lord The Best (Mark Mifsud)
4 Kaki de Peyrahout (Emmanuel Gafa)

**RACE 7 - (3140m) Bronze**
**Polidano Bros Bronze Race**
1 Purple Street (Brian Hili)
2 Zut (Emmanuel Buhagiar)
3 Jibilo du Terme (Charles Farrugia)
4 Noel de Corneville (Noel Pace)

**RACE 8 - (3140m) Premier**
**Caqnu Beer Premier Race**
1 L'An Deux Milles (Christopher Cassar)
2 Mage Petteviniere (Brian Hili)
3 Loulou des Vallees (James Carabott)
4 Lambeze (Charles Debono)

**RACE 9 - (3140m) Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Norton de Gaia (Charlo Debono)
2 Baronello (Roland Jansson)
3 Joker Pitstop (Charles Camilleri)
4 Robin Grain (Noel Baldacchino)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 2 ta' Mejju 2010

**RACE 1 - (3140m) Bronze**
**Polidano Bros Bronze Race**
1 Kung Fjalar (Mark Desira)
2 Marathon d'Isques (Noel Baldacchino)
3 Latest Score (Rodney Gatt)
4 Gamin Launcher (Julian Farrugia)

**RACE 2 - (3140m) Bronze**
**Polidano Bros Bronze Race**
1 Moustique Rose (Noel Baldacchino)
2 Ilot du Pont (Brian Hili)
3 Le Tadzio (Darren Mizzi)
4 Madison de Jussac (Julian Farrugia)

**RACE 3 - (3140m) Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Kendo de l'Aron (Noel Baldacchino)
2 Gandhi Brogard (Carmelo Farrugia)
3 Vera L.H. (David Ellul)
4 Marchallach (Paul Gauci)

**RACE 4 - (1750m) Class A Flat**
1 No Telling (Michael Sultana)
2 Mary Celest (Charles Pace)
3 Etoile du Pic (Oliver Briffa)
4 Laparisienne (Paul Abela)

**RACE 5 - (3140m) Gold**
**Empire Cinema Gold Race**
1 Race Ball (Tony Demanuele)
2 Lover Boy Index (Mark Desira)
3 Lucky d'Hercla (Clifforty Calleja)
4 L'Ideal de Fersan (Pierre Caruana)

**RACE 6 - (2640m) Silver**
**Top Horse Ltd. Final**
1 My Danover (Christian Xerri)
2 Toronto Launcher (Jeffrey Xerri)
3 Kanter Speed (Darren Mizzi)
4 Chef F.C. (Shaun Portelli)

**RACE 7 - (3140m) Gold**
**Empire Cinema Gold Race**
1 Lotus du Goth (Andrew Spiteri)
2 Victory Toll (Julian Farrugia)
3 Biggles Coquet (Jason Vassallo)
4 Max du Surf (Clifforty Calleja)

**RACE 8 - (3140m) Premier**
**Caqnu Beer Premier Race**
1 Lou Petiot (Michael Axisa)
2 Lovely Mab (Noel Baldacchino)
3 Isolated (Etienne Carabott)
4 Arnie Sensation (Carmelo Farrugia)

**RACE 9 - (3140m) Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Noe de Loudat (Mario Farrugia)
2 Noli de Marray (Patrick Spiteri)
3 Judon du Cap Vert (Noel Baldacchino)
4 Uno Wielinga (Rodney Gatt)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 9 ta' Mejju 2010

**RACE 1 - (2140m) Copper**
**Polidano Group Copper Race**
1 Electa Buzz (Charles Camilleri)
2 Panchero (David Ellul)
3 Simb Rattigan (George Muscat)
4 Glowing Star (George Attard)

**RACE 2 - (2140m) Copper**
**Polidano Group Copper Race**
1 Dandy (Robert Polidano)
2 Juliette Rodney (George Attard)
3 Insa (Francis Cassar)
4 Supremo As (Christian Xerri)

**RACE 3 - (2140m) Bronze**
**Poligas Ltd. Bronze Race**
1 Flyingbird Twitter (Charles Camilleri)
2 Kung Fjalar (Mark Desira)
3 King Fisher (Kevin Sciberras)
4 Angel Crown G.J. (Paul Bonello)

**RACE 4 - (2140m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Word Xing (Julian Farrugia)
2 Preem M.S. (Lorry Borg)
3 Arragon Crown (James Briffa)
4 Purple Street (Brian Hili)

**RACE 5 - (2140m) Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Ganniway (Kerstin Catania)
2 Garden Pax (Martin Grech)
3 Vision Star (Marco Refalo)
4 Gandhi Brogard (Carmelo Farrugia)

**RACE 6 - (2140m) Gold**
**Empire Cinema Gold Race**
1 Glory Cowboyland (Shaun Portelli)
2 Race Ball (Tony Demanuele)
3 Lass John (Shaun Formosa)
4 Bodrero (Oliver Briffa)

**RACE 7 - (2140m) Bronze**
**Poligas Ltd Bronze Race**
1 Only For Girls (Kevin Sciberras)
2 Idaho (Melvin Farrugia)
3 Orasi Index (Clint Vassallo)
4 Zut (Joe Schembri)

**RACE 8 - (2140m) Premier**
**Monte Kristo Estates Premier Race**
1 Flash Coger (Julian Farrugia)
2 Bello Fratello (Anthony Spagnol)
3 Kejser Flamingo (Charlie Magro)
4 Socrates (James Briffa)

**RACE 9 - (2140m) Gold**
**Empire Cinema Gold Race**
1 Victory Toll (Julian Farrugia)
2 Charlie Smitt (Charlo Debono)
3 Biggles Coquet (Jason Vassallo)
4 Notice As (Carl Caruana)

**RACE 10 - (2140m) Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Espace Aerien (Clint Vassallo)
2 Furey (Brian Zammit)
3 Chef F.C. (Shaun Portelli)
4 Black Guy (Clifforty Calleja)

**RACE 11 - (2140m) Silver**
**Caqnu Beer Silver Race**
1 Joker Pitstop (Charles Camilleri)
2 Baronello (Jason Vassallo)
3 Falco (Oliver Briffa)
4 Internet (Raymond Clifton)



Nomeo De Marina - race 5



Kheops D'Ariane - race 9

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 14 ta' Mejju 2010

**RACE 1 - (2140m) Copper**
**Prix de Caen Heat 1**
1 Matin du Loir (Noel Baldacchino)
2 Ignace Lesdelles (David Ellul)
3 Gatsby de la Motte (Francis Cassar)
4 Nashwan Boy (Charlo Debono)

**RACE 2 - (2140m) Copper**
**Prix de Caen Heat 2**
1 Loup de Sevres (Julian Farrugia)
2 Katuelo (Noel Baldacchino)
3 Kenor Celeste (Raymond Clifton)
4 Larkay d'Echal (David Ellul)

**RACE 3 - (2140m) Bronze**
**Prix de Cagnes Sur Mer Heat 1**
1 Jet de Mee (Julian Farrugia)
2 It's My Way (Brian Hili)
3 November Oaks (Charles Camilleri)
4 Libre Echange (Michael Ellul)

**RACE 4 - (2140m) Bronze**
**Prix de Cagnes Sur Mer Heat 2**
1 Lowry d'Olivier (Clint Vassallo)
2 Nereus Galbe (Noel Baldacchino)
3 Madison de Jussac (Julian Farrugia)
4 Mambere (Mark Debono)

**RACE 5 - (2140m) Silver**
**Prix de Cabourg Heat 1**
1 Nomeo de Marina (Jeffrey Said)
2 Leader Changerie (Shaun Portelli)
3 Netter Williams (Joseph Magro)
4 Lulu Moliere (Wayne Farrugia)

**RACE 6 - (2140m) Gold**
**Prix d'Enghien Heat 1**
1 Maginable (Chris Vassallo)
2 Midoun du Home (Charles Camilleri)
3 Magic Andjac (Noel Baldacchino)
4 My Danover (Christian Xerri)

**RACE 7 - (2140m) Premier**
**Prix de Vincennes Heat 1**
1 Lipouz Lesmelchen (Tony Demanuele)
2 Kakisis (Johann Axisa)
3 Label Pont Vautier (Charles Debono)
4 James de l'Iton (Noel Baldacchino)

**RACE 8 - (2140m) Gold**
**Prix d'Enghien Heat 2**
1 Match de Bannes (Noel Baldacchino)
2 Jollity (Julian Farrugia)
3 Le Coup de Foudre (Charles J. Clifton)
4 Lys de l'Oasis (Carl Caruana)

**RACE 9 - (2140m) Silver**
**Prix de Cabourg Heat 2**
1 Kheops d'Ariane (Omar Cauchi)
2 Notello de Brival (Joe Schembri)
3 Judon du Cap Vert (Charles Camilleri)
4 Liowin Hearted (Salvu Bartolo)

**RACE 10 - (2140m) Bronze**
**Prix de Cagnes Sur Mer Heat 3**
1 Moustique Rose (Noel Baldacchino)
2 Karl Borealis (Salvatore Cutajar)
3 New Hope (David Ellul)
4 King de Bourdenay (Charles Camilleri)

**RACE 11 - (1750m) Class A Flat**
1 No Telling (Michael Sultana)
2 Mean Mr Mustard (Demis Zammit)
3 Masa Broadway (Oliver Briffa)
4 Lucky Friendly (Eric Zammit)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 16 ta' Mejju 2010

**RACE 1 - (2140m) Copper**
**Prix de Caen Heat 3**
1 Judoka du Rib (Joe Farrugia)
2 Jeu de Mots (Paul Gauci)
3 Ion de Garonne (Noel Baldacchino)
4 Miami du Coq (Michael Ghigo)

**RACE 2 - (2140m) Bronze**
**Prix de Cagnes Sur Mer Heat 4**
1 Jess Luxor (Jesmond Micallef)
2 Mealington (Clifforty Calleja)
3 Milord Haie Neuve (Noel Baldacchino)
4 Ludo Pellois (Charlo Debono)

**RACE 3 - (2140m) Bronze**
**Prix de Cagnes Sur Mer Heat 5**
1 Mousko Royal (Salvatore Cutajar)
2 Krak de Clerlande (Charles J. Clifton)
3 Icare de Jemma (Tony Demanuele)
4 Jeans de Bannes (Francis Cassar)

**RACE 4 - (2140m) Silver**
**Prix de Cabourg Heat 3**
1 Napol de Mai (Ronald Cassar)
2 Nico d'Orme (Silvio Schembri)
3 Kendo de l'Aron (Noel Baldacchino)
4 Mario d'Orbec (Andrew Pace)

**RACE 5 - (2140m) Silver**
**Prix de Cabourg Heat 4**
1 Nevermind (Rodney Gatt)
2 Mezio Josselyn (Victor Fenech)
3 Norigan Noir (Charles Camilleri)
4 Noble Azur (Charlo Debono)

**RACE 6 - (2140m) Premier**
**Prix de Vincennes Heat 2**
1 Lou Petiot (Michael Axisa)
2 L'An Deux Milles (Christopher Cassar)
3 Mage Petteviniere (Brian Hili)
4 Jajolet (Benny Briffa)

**RACE 7 - (2140m) Gold**
**Prix d'Enghien Heat 3**
1 Lindsay Neve (Noel Baldacchino)
2 Kojak d'Isques (Charles Camilleri)
3 Kaki de Peyrahout (Emmanuel Gafa)
4 Mambo du Mont (Tony Demanuele)

**RACE 8 - (2140m) Premier**
**Prix de Vincennes Heat 3**
1 Madis Boy (Charles Camilleri)
2 In Vitro du Bourg (Ivan Bilocca)
3 Iris du Louvet (Charlo Debono)
4 Marini du Mont (Salvu Vella)

**RACE 9 - (2140m) Gold**
**Prix d'Enghien Heat 4**
1 Lord The Best (Mark Mifsud)
2 Kelso Bricois (Darren Mizzi)
3 Lucky d'Hercla (Clifforty Calleja)
4 Mon Cheri (Rodney Gatt)

**RACE 10 - (2140m) Silver**
**Prix de Cabourg Heat 5**
1 Major Luchois (Tony Demanuele)
2 Must du Buisson (Charles Camilleri)
3 Noe de Loudat (Mario Farrugia)
4 Keep Out (Brian Hili)

**RACE 11 - (2140m) Silver**
**Prix de Cabourg Heat 6**
1 Nerlo Villetot (Julian Farrugia)
2 Kanter Speed (Darren Mizzi)
3 Marco Barbes (Rodney Gatt)
4 Nacelle du Bessay (Brian Hili)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 23 ta' Mejju 2010

**RACE 1 - (2640m) Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Dandy (Robert Polidano)
2 Glenn Healy (Clive Gerada)
3 Brightlight Sib (Alex Cortis)
4 Mistral d'Houssaye (Noel Baldacchino)

**RACE 2 - (2640m) Bronze**
**Empire Cinema Bronze Race**
1 Minou de Perdriat (Francis Cassar)
2 Tintin Haleryd (Clifforty Calleja)
3 Piccola Zanzara (Charles Camilleri)
4 Ocean du Loisir (Noel Baldacchino)

**RACE 3 - (2640m) Silver**
**Polidano Group Silver Race**
1 G Force Son (Brian Zammit)
2 Lord of Rush (Ludvic Ghigo)
3 Montbrun (Patrick Spiteri)
4 Syllabub (Rodney Gatt)

**RACE 4 - (2140m) Bronze**
**SECF - Malta Encounter Bronze Race**
1 Mirage d'Ete (Clifforty Calleja)
2 Koko Loco (Jean-Francois Senet (FR))
3 Hunting Shadow (Brian Zammit)
4 Light a Candle (Aymeric Thomas (FR))

**RACE 5 - (1640m)**
**Veteran Drivers Race**
1 I.P.Broadway (Carmelo Ellul)
2 Ligist Qui (Alfred Grech)
3 Icare de Mareuil (Lorry Briffa)
4 Konto K. (Philip Attard)

**RACE 6 - (2140m) Silver**
**SECF - Malta Encounter Silver Race**
1 Furey (Ms. Florence Lecellier (FR))
2 Noble Spirit (Noel Baldacchino)
3 Ganniway (Kerstin Catania)
4 Chef F.C. (Jerome Legros (FR))

**RACE 7 - (2640m) Premier**
**Montekristo Estates Premier Race**
1 Bello Fratello (Anthony Spagnol)
2 Arnie Sensation (Carmelo Farrugia)
3 Socrates (James Briffa)
4 Isolated (Noel Baldacchino)

**RACE 8 - (2140m) Gold**
**SECF - Malta Encounter Gold Race**
1 Lover Boy Index (Ms. Florence Lecellier (FR))
2 Count of Life (Michael Ellul)
3 Quick Cape (Julian Farrugia)
4 Lass John (Aymeric Thomas (FR))

**RACE 9 - (2640m) Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Confidence As (Charles Camilleri)
2 Nasdaq du Closet (Eugenio Zerafa)
3 Biggles Coquet (Jason Vassallo)
4 Joss Royal (Josef Farrugia)

**RACE 10 - (2640m) Bronze**
**Empire Cinema Bronze Race**
1 Martini As (Darren Mizzi)
2 Hiosco de Davcar (Annunziato Schembri)
3 Mac du Boult (Tony Demanuele)
4 Kansas de Chenu (Joseph Bartolo)


Lou Petiot - race 6


Madis Boy - race 8



No Telling - race 11


Major Luchois - race 10

WasteServ Malta Ltd

# L-ewwel parti tal-impjant f'Sant'Antnin

# QEGĦDHA TAĦDEM



Bil-kooperazzjoni tiegħek, fil-faċilità għall-Irkupru ta' Materjal Riċiklabbli (Material Recovery Facility) ġewwa Sant' Antnin, matul l-2009 inġabru madwar 12-il miljun kilo ta' Karta, Plastik u Metall.

Dan l-impjant immodernizzat qiegħed jgħin biex inħarsu l-ambjent u nnaqsu l-iskart li jidħol fil-landfill.

## GRAZZI

*Dan il-proġett qed jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea*

**FOND TA' KOEŻJONI GĦAL MALTA 2004-2006**
**PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA**
**RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 70%**

# Nutritional Ergogenic Aids

by Dr. Kirill Micallef Stafrace
Sports and Exercise Medicine Consultant
and Senior Lecturer in Sports Science



**Nutritional ergogenic aids are products that allegedly improve physical and mental performance and are either nutrients or their metabolic by-products, food extracts, or substances normally found in foods in much higher amounts than commonly found in the usual food supply i.e. you have to supplement your diet with them. Their international marketing has become a multi-billion Euro business and in fact, the high costs of many of these products relate more to their marketing expenses rather than to the production costs themselves.**

If we were to follow the definition of a nutritional ergogenic aid to a letter, then we would have to include all forms of nutrient, even water and all our basic food. After all, without them we will definitely underperform. However, when discussing this topic, we usually mean products that are obtained as dietary supplements. Among the most commonly used are protein products, be them in the form of a powder, liquid, bar or individual amino acids. Their use is controversial, in that various studies have indicated that most of our protein requirements, even among athletes who train extremely hard, can easily be obtained from a balanced diet. However, I have encountered circumstances where they might have their use. The most obvious being when athletes just physically do not have time to consume a balanced diet due to work/study commitments over and above their high training load or when their calorie/protein intake is low, such as when they are on a weight loss dietary plan. At this point one must point out that only few nutritional supplements have been proved to be effective and these include caffeine, creatine, sodium bicarbonate, glycerol, as well as the aforementioned carbohydrates and proper hydration. Other products such as ginseng, carnitine, and tribulus have some evidence in their favour while many others just do not work, or work because they contain substances that are detrimental to your health( and are banned by the World Anti-Doping Agency) such as ephedrine and DHEA.



What is worrying is that the literature reports that 50% of the general population take some form of food supplement, while 76 to 100% of athletes in some sports are reported to use them, very often unsupervised. This is where I start to worry although supplements taken according to the product instructions are usually not harmful. When taking a nutritional ergogenic aid three factors must be remembered. First, too much of something, even something beneficial, can be detrimental to your health, after all water is vital yet too much of it and you drown. Secondly, make sure the product you are using actually contains the listed ingredients. A number of athletes have been found positive in doping tests as the supplements they were taking contained banned substances which were not listed on the label, a factor that can have serious health implications. This is especially true for products bought over the internet and of low quality. Thirdly, follow the advice of experts, not of your gym buddies or neighbours. There are a lot of garbage products out there. Do not believe the hype. At the end of it all, it is not the products you take that make you fitter and healthier but regular training combined with a balanced diet. So if you have any doubts about a product, just do not take it until you seek advice from the professionals, and especially not from the pseudo-experts that currently abound on the internet.

kmicallefstafrace@gmail.com




*Ginsana® builds up your energy potential gradually with a long-lasting effect to support its perfect management, day after day.*

*Ask your pharmacist for Ginsana®*

Distributed by **Vivian Corporation** - Visit **www.viviancorp.com**

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# Ir-Regatta wara l-gwerra

## (1970-1979) ...Is-Sitt Parti

L-edizzjoni ta' l-1972 kellha ftit minn kollox, kienet sabiħa, eċċitanti ħafna iżda sfortunatament kienet mtappna wkoll bl-inkwiet. Normalment fil-paġni sportivi ta' xi wħud mill-gazzetti li joħorġu l-għada tal-Vitorja nsibu diversi artikli nteressanti, u xi kultant dawn l-istejjer jitkellmu b'mod dettaljat dwar xi korsi partikolari tar-Regatta u l-inkwiet li jkun nqala' matul l-edizzjoni. B'danakollu, jidher ċar li mhux l-inċidenti kollha li ġraw fid-dwana f'din l-edizzjoni kienu relatati mal-istorbju u l-ġlied li kien nqala' wara li ntemmet il-korsa ta' bl-Erbgħa, kif fil-fatt jidher minn din is-silta qasira meħuda minn wieħed minn dawn ir-rapporti sportivi: *'... ir-riżultat ta' l-aħħar tiġrija, dik ta' bl-Erbgħa dam ma ħareġ, u f'dan intervall, l-inkwiet fid-dwana ma naqaxs, infatti kien hemm xi tilwim bejn il-partitarji u f'ħin minnhom ambulanza tas-St. John dehret riesqa lejn id-Dwana. Il-pulizija ferrxu n-nies, inħareġ 'stretcher' u r-raġel ittieħed fuqu għal ġo l-ambulanza li telqet mill-ewwel. Iżda wara sar magħruf li r-raġel kien ħassu ħażin bir-rassa tal-folla u ma kienx kagun tat-tilwim li nqala' d-dwana ...'*

Kif aċċennajt aktar 'il quddiem, id-distrett ta' Birżebbuġa beda jipparteċipa fir-Regatta fl-1972. Għall-ewwel beda jieħu sehem f'xi korsi, iżda bejn l-1974 u l-1976 ipparteċipa fit-tlielaq kollha. S'intendi l-parteċipazzjoni ta' dan id-distrett qajjem interess kbir fost id-dilettanti u l-kummentaturi sportivi. Fil-fatt, f'wieħed mir-rapporti sportivi li dehru l-għada tar-Regatta (1972) nsibu dan il-kumment : *'... għalkemm il-qaddiefa ta' dan id-distrett urew spirtu sportiv u determinazzjoni kbira, huma sofrew ħafna min-nuqqas ta' esperjenza, b'danakollu, meta wieħed iqis li din kienet l-ewwel esperjenza għall-qaddiefa ta' dan id-distrett, huma marru tajjeb fil-korsi tad-dgħajjes tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa ...'*

Dwar il-parteċipazzjoni ta' distretti li m'humiex midħla ta' dawn it-tiġrijiet tradizzjoni tiltaqa' ma' diversi fehmiet differenti. Issib min jaqbel li jieħdu sehem, oħrajn jarawhom żejda. Interessanti hi l-fehma ta' anzjan Kalkariż li minn tfulitu dejjem segwa t-Tiġrija tal-Vitorja: *'... jien dejjem smajthom jgħidu li klabbs li ma jagħmlux parti mill-Port Il-Kbir ma jkollhomx ħajja twila fir-Regatta ... dan l-aħħar smajna li ż-żewġ qaddiefa Żrieraq li jaqdfu ma' distretti differenti jixtiequ li pajjiżhom jibda jipparteċipa f'dawn it-tiġrijiet ... għalihom hija ħolma sabiħa, iżda ma nafx kemm din il-ħolma tista' xi darba ssir realtà ... fejn se jittrenjaw ... f'Wied iż-Żurrieq ?... veru li din is-sena bdiet tieħu sehem Birżebbuġa, iżda kulħadd jaf li l-moħħ wara l-parteċipazzjoni ta' din il-lokalità huwa wild Senglean li minn dejjem kellu għal qalbu t-tiġrija, u meta ġie lura Malta mill-Amerika, kellem lil xi żgħażagħ, xtara l-opri tat-tiġrija u qata' xewqtu li jara l-villaġġ li fih jabitaw ħafna familji mill-Kottonera jibda jieħu sehem fir-Regatta Nazzjonali ... x'ċans għandha Birżebbuġa li tkompli tipparteċipa fil-futur fir-Regatta ma nafx ngħidlek ... jekk il-kumitat ta' dan il-klabb isib l-appoġġ tan-nies mill-Kottonera li jgħixu f'Birżebbuġa għandu mnejn jirnexxielu jegħleb id-diffikultajiet kollha li jista' jiltaqa' magħhom u narawhom fis-snin li ġejjin, iżda jien naħseb li dan id-distrett, minkejja d-determinazzjoni u l-ħeġġa tal-kumitat u l-qaddiefa tiegħu ma jdumx wisq li jirtira minn din il-kompetizzjoni annwali ... ħafna dilettanti jaħsbuha bħali ... semmejt iż-Żurrieq u issa qegħdin isemmu wkoll Marsaxlokk ... ma nafx x'suċċess jistgħu jiksbu dawn il-lokalitajiet fi tradizzjoni li qatt qabel ma pparteċipaw fiha ... nittama li jien żbaljat ... '* Fil-fatt għalkemm iż-żmien deher li se jagħti raġun lil dan id-dilettant Kalkariż għax, fl-1977, Birżebbuġa ritirat mir-Regatta, għaddew is-snin, u b'sorpriża kbira għad-dilettanti kollha ta' dawn it-tiġrijiet, fl-2004 il-Klabb ta' Birżebbuġa ġie organizzat mill-ġdid, assoċja ruħu mal-Għaqda tar-Regatta u beda jipparteċipa b'mod sħiħ fiż-żewġ kategoriji tat-tiġrijiet tad-dgħajjes, u f'dawn l-aħħar edizzjonijiet kisbet ukoll suċċess.

L-edizzjoni tal-1975 kienet diskretta bħala waħda interessanti u kwieta. Il-Marsa rnexxielha tirbaħ *l-Aggregate Shield* għat-tieni darba fl-istorja tagħha wara r-rebħa deċiżiva tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef. Insibu, li sa qabel ma bdiet l-aħħar tiġrija, id-distretti ta' l-Isla u Bormla kienu għandhom biċ-ċans li



**Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa ta' Bormla tirbaħ il-palju fl-1978 waqt li l-ekwipaġġi tad-dgħajjes tal-Kalkara u l-Birgu jidhru jissieltu għat-tieni post**

minn Joseph Serracino

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA



**Il-Frejgatina tal-Marsa tidher dieħla fl-ewwel post quddiem il-frejgatini tal-Kalkara u Marsamxett fl-1977**

jirbħuha wkoll, iżda kien l-ekwipaġġ Marsi li wara tiġrija iebsa mal-Kalkara u Bormla rebaħ il-palju u miegħu x-Shield. Din l-edizzjoni kienet ta' diżappunt kbir għall-Kalkara kif ukoll għall-Birgu fejn iż-żewġ distretti kellhom jikkuntentaw b'rebħ ta' palju wieħed, waqt li d-distrett ta' Birżebbuga minħabba n-nuqqas ta' esperjenza ma kiseb l-ebda punt.

F'artiklu interessanti li ġie pubblikat jiem qabel it-Tiġrija tal-Vitorja nsibu tagħrif importanti dwar ir-Regatta, partikolarment in-numru ta' qaddiefa rreġistrati ma' kull klabb parteċipant kif ukoll tagħrif ieħor relatat magħha: ***'... għal din l-edizzjoni rreġistraw 125 qaddief ma' l-Assoċjazzjoni tat-Tiġrija tat-8 ta' Settembru u Qdif Ieħor u kienu mqassmin hekk : Il-Birgu - 21 ; Marsa - 21 ; Bormla - 16 ; l-Isla - 20 ; Marsamxett / Valletta - 16 ; Kalkara - 18 u Birżebbuġa - 13. waqt li l-użin u l-kejl ta' l-opri tat-tiġrija sar l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa ... l-opri kollha jitkejlu għall-galvu, it-tul, il-wisgħa u għall-ħxuna ta' l-għeluq waqt li d-dgħajjes tal-Pass li jkunu se jipparteċipaw fit-tlielaq ta' Bl-Erbgħa u ta' bi Tnejn jintiżnu għall-piż li ma jridx ikun inqas minn 400 libra. Meta dgħajsa tkun inqas minn dan il-piż, l-uffiċjal tad-dwana jżidilha l-piż b'boroż tar-ramel li jkunu ssiġġillati biċ-ċomba u jridu jkunu fuq id-dgħajsa waqt il-korsa ...'*** Hawnhekk tajjeb li wieħed ifakkar ukoll li fiż-żewġ kategoriji tad-dgħajjes tal-Pass, wara li tintemm il-korsa, l-ewwel tliet dgħajjes jittellgħu mill-baħar permezz ta' krejn u jintiżnu quddiem il-membri tal-ġurija. Jekk waqt l-użin jinstab li waħda mid-dgħajjes tkun anqas mill-piż stipulat mid-dwana tiġi skwalifikata.

Fl-1976, *l-Aggregate Shield* intrebħet għat-tieni darba konsekuttiva mid-distrett tal-Marsa fost ferħ kbir mill-qaddiefa u l-partitarji tagħhom fid-dwana. L-awtur tal-artiklu sportiv kiteb hekk dwar din ir-rebħa meritata tal-Marsa: ***'... Marsa jerġgħu jirbħu x-Shield Alleluja' - Din l-għajta ta' ferħ ħarġet minn fomm il-partitarji numerużi tal-Marsa fost briju liema bħalu fi tmiem it-tiġrija ta' bl-Erbgħa li fiha Marsa kisbu r-raba' rebħa f'ħames tiġrijiet ...'***

Artiklu ieħor jagħmel riferenza għat-temp ikrah li ħakem il-Port il-Kbir f'nhar il-Vitorja, partikolarment waqt it-Tiġrija. Jien niftakar f'edizzjonijiet oħrajn fejn waqt it-tiġrija għamlet ix-xita, iżda f'din l-edizzjoni barra x-xita kellna wkoll riħ kiesaħ. B'danakollu, in-nies ma qatgħetx qalbha, sfidat dan it-temp kiefer li ħakem dawn il-gżejjer minn lejlet il-Vitorja u xorta waħda niżlet fil-port. Sintendi kien hemm min qata' qalbu u baqa' d-dar imwaħħal mad-radju biex minn ħin għall-ieħor isegwi l-kummentarji sportivi li kienu qegħdin jingħataw direttament minn fuq il-Lanċa tad-Dwana waqt kull tiġrija. Niftakar ukoll li matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu t-temp tant kien ikrah li kien hemm il-biża' li se titħassar ir-Regatta kif tikkonferma din is-silta meħuda minn rapport sportiv: ***'... minħabba dan it-temp ikrah, sa dalgħodu kien hemm il-possibbiltà li t-tiġrijiet jitħassru, iżda wara laqgħa li saret malajr bejn il-membri tal-Kumitati u l-uffiċjali tad-Dwana ġie deċiż li t-tiġrijiet isiru xorta waħda. Kien, fl-1937, li saru tiġrijiet f'temp simili...'***

Iżda minkejja t-temp kiesaħ u l-kwantità kbira ta' umbrelel li kienu jidhru ma' kullimkien fuq iż-żewġ naħat tal-port, u n-nuqqas ta' kummentarju minn fuq il-*Loudspeakers* li minħabba xi ħsarat ħadd ma seta' jsegwi l-anadament tat-tiġrijiet, xorta waħda l-kanal ġie maħkum minn atmosfera brijuża kemm mill-partitarji fuq il-mollijiet kif ukoll mill-qaddiefa waqt kull tiġrija. Silta oħra mill-istess rapport tagħtina stampa kemm kien kbir l-entużjażmu li rrenja fi tmiem din ir-Regatta: ***'... f'ċerti mumenti mpressjonanti rajna għadd ta' partitarji, l-aktar qaddiefa mill-Marsa, li minkejja r-riħ li kien qed jonfoħ u l-baħar kiesaħ, bdew jaqbżu l-baħar, uħud minnhom bil-ħwejjeġ b'kollox bl-entużjażmu li ħakimhom ... wara li tqassmu l-paljijiet minn Sir Anthony Mamo - Il-President tar-Repubblika u l-ministru Abela, il-qaddiefa Marsin ttieħdu fuq l-ispallejn sal-menqa fost daqq ta' ħornijiet, ħruq ta' suffarelli u ċapċip tan-nies ...'***

Jekk l-edizzjoni, tal-1976, kienet waħda kwieta u brijuża, ir-Regatta tal-1977, kienet storbjuża ħafna u ġiet deskritta bħala disfatta kbira. Fiha nqala' ħafna nkwiet kif naraw aktar 'il quddiem. Ironikament fil-jiem ta' qabel ir-Regatta, meta kull distrett kien qed jipprepara bis-sħiħ għal dan l-avveniment annwali tal-baħar fil-Port il-Kbir u l-qaddiefa kollha kienu mehdijin bit-taħriġ tagħhom fid-dgħajjes, fil-gazzetti ta' kuljum konna qed insegwu b'attenzjoni kbira sensiela ta' artikli informattivi ħafna dwar it-tħejjijiet tal-klabbs parteċipanti kif ukoll intervisti ma' xi wħud mill-uffiċjali tal-kumitati tagħhom.

Peress li dawn l-intervisti kienu nteressanti ħafna, naħseb li jkun ta' benefiċċju kbir għall-qarrejja li qegħdin isegwu din il-kitba dwar it-Tiġrija tal-Vitorja, li nislet xi siltiet minnhom li permezz tagħhom jifhmu aħjar kemm id-diriġenti ta' dawn il-klabbs għandhom għal qalbhom dan l-avveniment tradizzjonali u kemm jistinkaw bla heda biex jinkiseb is-suċċess mistħoqq. S'intendi, dawn l-uffiċjali qegħdin nitkellmu dwar il-qaddiefa, il-klabb tagħhom u l-organizzazzjoni tar-Regatta matul il-perijodu tas-snin l-1970 u l-1979, kif ukoll dwar il-ħsibijiet tagħhom dwar il-futur ta' din it-tradizzjoni.

Raymond Facciol, is-segretarju tal-klabb Senglean ikkummenta hekk: ***'... is-sengħa tal-baħar marret lura u l-barklori naqsu, għalhekk l-Isla ma baqgħetx issib dik il-kwantià ta' qaddiefa li kellha qabel. Fl-istess ħin, domna biex irrealizzajna li qaddief isir u mhux jitwieled. Nisperaw li l-lezzjoni ħadnieha! ... din is-sena qed nagħtu ċans lil ħafna qaddiefa ġodda u lesti li nibnu fuq dawn ... nafu li dawn l-affarijiet isiru bil-mod u li ma għandniex nimlew rasna bil-ħolm ...'***

*Tkompli f'ħarġa oħra*

## KOREZZJONI FIS-SENSIELA TA' APRIL:

***Isem tal-bennej tal-opri tal-baħar kellu jkun Karmenu Schembri (in-Nuħ) mill-Birgu u mhux Ġużeppi Schembri kif deher bi żvista.***

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Kit ta' Floriana F.C.



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-21 ta' Ġunju 2010.

Kompetizzjoni Spot the Ball, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi.
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon.
Ir-rebbieħ jingħata Kit ta' Floriana F.C. ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 37

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 37 huwa: James Azzopardi - Cospicua





THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA

IRBAĦ LEJL IL-WESTIN DRAGONARA RESORT

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-21 ta' Ġunju 2010: **Kompetizzjoni Sportiv, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi.**

Isem ______________

Indirizz ______________

Email ______________

**Jekk ma tixtieqx tirċievi informazzjoni promozzjonali mingħand il-Westin Dragonara Resort, immarka hawn:** ☐

Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa Nru. 37 ta' April 2010 huwa: Norman Vella - San Ġwann

# SPORTIV Kriss-Kross

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 37

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | B | | | | S | E | W | E | L | L | | | | | |
| R | A | M | S | E | Y | | | D | | O | N | L | Y | | |
| | H | | | | D | I | J | U | | R | ■ | A | ■ | M | |
| | R | O | M | A | N | | A | | M | E | D | S | E | A | |
| | A | | | | E | | R | | | N | | A | ■ | R | |
| | I | | B | R | Y | A | N | T | | Z | | L | U | L | A |
| I | N | N | U | | | | O | | P | O | L | L | | O | |
| Z | | | G | | | A | | | I | | | E | | W | |
| O | L | S | E | N | | B | A | L | Z | A | N | | R | | T |
| R | | | J | | | J | | | Z | | O | | E | | R |
| | U | R | A | Z | | A | | | O | | E | D | D | I | E |
| | M | | | I | N | D | I | A | | | L | | O | | V |
| S | P | I | T | Z | | | | N | E | P | | | N | | O |
| | I | | | O | | C | | G | | | N | A | D | U | R |
| B | R | I | G | U | G | L | I | O | | | A | ■ | O | | |
| | E | | A | | | I | | L | O | T | U | S | | P | |
| | | | I | V | A | N | | O | | | D | | | I | |
| | | | L | | | T | | | | S | I | M | O | N | |

**MIMDUDIN**

1) Yong-Yo, attakkant tal-Korea DPR (4)
3) Franck, plejer offensiv ta' Franza (6)
8) L-isem tal-ballun uffiċjali fl-Afrika t'Isfel (8)
9) Bernd, stopper Ġermaniż, finalist fl-1982 (8)
10) Giuseppe "..." Bergomi, rebbieħ fl-1982 (3)
11) Gigi, il-goalkeeper li ttrijonfa fl-2006 (6)
12) Nkwanko, veteran fl-iskwadra Niġerjana (4)
13) .... Town, waħda mill-ibliet Afrikani (4)
14) Alexander, top scorer attwali tal-iSvizzera (4)
15) Andriz, midfielder tas-Slovenja (4)
18) Daniel jilgħab fid-difiża Daniża (5)
19) L-istadium mitiku fil-Brażil (8)
22) Eks-plejer u kowċ preżenti tad-Danimarka (5)
24) Ivan, 69 partita u 34 goal għaċ-Ċili (8)
27) Ruben skorja 19-il goal Urugwajan f'46 partita (4)
29) Waldemir de ....., fl-iskwadra Brażiljana fl-1934 (5)
31) Cahill, midfielder attwali tal-Awstralja (3)
33) Radomir huwa l-kowċ preżenti tas-Serbja (5)
35) Kemm smajniha fil-finali ta' Espana '82 (3)
36) Lucas, captain attwali tal-Awstralja (5)
37) Valery, midfielder Russu fl-1994 u l-2002 (6)

**WEQFIN**

2) Mandela, l-ikona tal-Afrika t'Isfel (6)
3) Oscar, ir-referee Kolumbjan f'Afrika 2010 (4)
4) Royal ........, wieħed mil-istadiums Afrikani (8)
5) Ayila, midfielder tan-Niġerja (6)
6) Il-mascot uffiċjali tat-Tazza tad-Dinja 2010 (6)
7) Il-kowċ Olandiż tal-Awstralja (7)
13) Right-back Spanjol fl-1986 u l-1990 (6)
15) Mario, top scorer u champion fl-1978 (6)
16) "Peppino" ittrijonfa għall-Italja fl-1934 u l-1938 (5)
17) Midfielder Portugiż ta' esperjanza kbira (4)
20) Eks-midfielder tal-Ġappun fl-1998 u l-2002 (3)
21) Alberto, ir-referee Spanjol li se jkun involut fl-Afrika 2010 (7)
23) Martin, difensur ċentrali tas-Slovenja (6)
25) Douglas, difensur lemini Brażiljan (6)
26) Arjen, attakkant Olandiż f'forma mill-aqwa (6)
28) Il-kowċ attwali tal-Ġappun (5)
30) Mesut, winger offensiv żagħżugħ tal-Ġermanja (4)
32) Felipe, midfielder robust tal-Brażil (4)
34) Tip u ..., il-mascots Ġermaniżi fl-1974 (3)




# Casual Mediterranean dining at its best

Mediterranean and Italian specialities in a relaxed setting either indoors or under the stars. The menu offers pasta, pizza, meat or fish dishes as well as a variety of antipasti, soups and dips.

**To book your table or for further information please call 2138 1000 or email: westin.dragonara@westin.com**

**www.westin.com/malta**

PALIO'S

THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA




**Beat your opponent's score and win up to €10,000!!**

**3 matches and 5 penalties per ticket...**

**What are you waiting for? Get the Scratching Fever!**

Scratchers instant tickets ...Make your day

Available from MALTCO LOTTERIES Points of Sale, Maltapost Outlets, Smart Supermarket, Stationeries, Grocery Stores, and other leading Authorised Outlets.

Maltco LOTTERIES MALTCO LOTTERIES Limited Help Line Centre: 2388 3333

www.maltco.com


Birkirkara F.C.
BIRKIRKARA F.C.
• 1950 •
BIRKIRKARA F.C.
• 1950 •
BOV Premier League
BOV
Bank of Valletta
your Success, our Goal
SPORTIV
Premier League Champions - Season 2009/2010
BOV Premier League
CISK LAGER
FINEST QUALITY LAGER BEER
CISK LAGER
FINEST QUALITY LAGER BEER
CISK LAGER